Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2024/0315(COD)

1.4.2025

EMENDI
29 - 151

Abbozz ta' rapport
Assita Kanko
(PE770.093v01-00)

Deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2016/399 fir-rigward ta’ bidu progressiv tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta’ Dħul/Ħruġ

Proposta għal regolament
(COM(2024)0567 – 2024/0315(COD))

Emenda 29
Özlem Demirel

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
1. ***Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt***;	1. ***Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni***;

Or. en

Emenda 30
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE
Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Madankollu, il-Kummissjoni ma rċevietx in-notifiki kollha skont l-Artikolu 66(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2017/2226, li hija waħda ***mill-kondizzjonijiet*** biex tittieħed deċiżjoni dwar il-bidu tal-operazzjonijiet tal-EES.	(2) Madankollu, il-Kummissjoni ma rċevietx in-notifiki kollha skont l-Artikolu 66(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2017/2226, li hija waħda ***mill-kundizzjonijiet*** biex tittieħed deċiżjoni dwar il-bidu tal-operazzjonijiet tal-EES. ***Barra minn hekk, it-tnedija ta' approċċ tat-tip "big bang" bl-introduzzjoni ta' operazzjonijiet fuq skala sħiħa mil-lum għall-għada jista' jkun li tikkompromietti r-reżiljenza ġenerali tas-sistema.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Indipendentement min-notifiki riċevuti, huwa preferibbli li jiġi adottat approċċ progressiv meta tiġi introdotta sistema kumplessa marbuta ma' infrastruttura kritika.

Emenda 31
Özlem Demirel

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa biex jibdew jużaw l-EES skont il-livell ta' tħejjija tagħhom u jiġu ffaċilitati l-aġġustamenti tekniċi u operazzjonali meta jibdew joperaw l-EES, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għal bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-aġġustamenti jirriflettu l-flussi potenzjali tal-ivvjaġġar u l-istaġuni l-aktar intensivi, jenħtieġ li tali bidu progressiv ***ikollu durata ta' 180 jum kalendarju***.	(4) Sabiex l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa biex jibdew jużaw l-EES skont il-livell ta' tħejjija tagħhom u jiġu ffaċilitati l-aġġustamenti tekniċi u operazzjonali meta jibdew joperaw l-EES, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għal bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-aġġustamenti jirriflettu l-flussi potenzjali tal-ivvjaġġar u l-istaġuni l-aktar intensivi, jenħtieġ li tali bidu progressiv ***jintemm biss wara li jkun ġie stabbilit funzjonament solidu tal-EES***.

Or. en

Emenda 32
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa biex jibdew jużaw l-EES skont il-livell ta' tħejjija tagħhom u jiġu ffaċilitati l-aġġustamenti tekniċi u operazzjonali meta jibdew joperaw l-EES, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għal bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-aġġustamenti jirriflettu l-flussi potenzjali tal-ivvjaġġar u l-istaġuni l-aktar intensivi, jenħtieġ li tali bidu progressiv ikollu durata ta' 180 jum kalendarju.	(4) Sabiex l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa biex jibdew jużaw l-EES skont il-livell ta' tħejjija tagħhom ***f'perjodu ta' żmien definit b'mod ċar*** u jiġu ffaċilitati l-aġġustamenti tekniċi u operazzjonali meta jibdew joperaw l-EES, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għal bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-aġġustamenti jirriflettu l-flussi potenzjali tal-ivvjaġġar u l-istaġuni l-aktar intensivi, jenħtieġ li tali bidu progressiv ikollu durata ta' 180 jum kalendarju.

Or. en

Emenda 33
Jan-Christoph Oetjen, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex ***l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa biex jibdew jużaw l-EES skont il-livell ta' tħejjija tagħhom*** u jiġu ffaċilitati l-aġġustamenti tekniċi u operazzjonali meta jibdew joperaw l-EES, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għal bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-aġġustamenti jirriflettu l-flussi potenzjali tal-ivvjaġġar u l-istaġuni l-aktar intensivi, jenħtieġ li tali bidu progressiv ikollu durata ta' 180 jum kalendarju.	(4) Sabiex ***jiġi minimizzat id-dewmien*** u jiġu ffaċilitati l-aġġustamenti tekniċi u operazzjonali meta jibdew joperaw l-EES, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għal bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES ***biex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni f'waqtha fl-Istati Membri kollha***. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-aġġustamenti jirriflettu l-flussi potenzjali tal-ivvjaġġar u l-istaġuni l-aktar intensivi, jenħtieġ li tali bidu progressiv ikollu durata ta' 180 jum kalendarju.

Or. en

Emenda 34
Francisco Assis
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex l-Istati Membri jingħataw ***il-flessibbiltà meħtieġa biex*** jibdew jużaw l-EES ***skont il-livell ta' tħejjija tagħhom u jiġu ffaċilitati*** l-aġġustamenti tekniċi u operazzjonali ***meta jibdew joperaw l-EES***, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għal bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-aġġustamenti ***jirriflettu*** l-flussi potenzjali tal-ivvjaġġar u l-istaġuni l-aktar intensivi, jenħtieġ li tali bidu progressiv ikollu durata ta' 180 jum kalendarju.	(4) Sabiex ***tiġi żgurata tnedija bla xkiel tal-EES, sabiex*** l-Istati Membri jingħataw ***livell ta' flessibbiltà meta*** jibdew jużaw l-EES ***għall-ewwel darba, u sabiex ikunu jistgħu jsiru*** l-aġġustamenti tekniċi u operazzjonali ***ladarba l-EES tkun qed topera***, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għal bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-aġġustamenti ***jqisu*** l-flussi potenzjali tal-ivvjaġġar u l-istaġuni l-aktar intensivi, jenħtieġ li tali bidu progressiv ikollu durata ta' 180 jum kalendarju.

Or. en

Emenda 35
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Għalhekk, sabiex ikun jista' jsir bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jeħtieġ li ssir deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/2226 u tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3]("Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen"). Regoli oħra stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2226 li mhumiex affettwati minn dan ir-Regolament japplikaw kif previst f'dak ir-Regolament. ***B'mod partikolari, id-data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet issegwi r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2226 u titqies affidabbli u preċiża.***	(5) Għalhekk, sabiex ikun jista' jsir bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jeħtieġ li ssir deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/2226 u tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] ("Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen"). Regoli oħra stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2226 li mhumiex affettwati minn dan ir-Regolament japplikaw kif previst f'dak ir-Regolament.
[3] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/399/oj).	[3] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/399/oj).

Or. en

Emenda 36
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Għalhekk, sabiex ikun jista' jsir bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jeħtieġ li ssir deroga minn ċerti	(5) Għalhekk, sabiex ikun jista' jsir bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jeħtieġ li ssir deroga minn ċerti

dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/2226 u tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3](“Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen”). Regoli oħra stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2226 li mhumiex affettwati minn dan ir-Regolament japplikaw kif previst f’dak ir-Regolament. ***B’mod partikolari, id-data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet issegwi r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2226 u titqies affidabbli u preċiża.***	dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/2226 u tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] ("Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen"). Regoli oħra stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2226 li mhumiex affettwati minn dan ir-Regolament japplikaw kif previst f’dak ir-Regolament.
[3] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta’ persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/399/oj).	[3] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta’ persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/399/oj).

Or. en

Emenda 37
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibdew progressivament joperaw l-EES biex jirreġistraw, mad-dħul u mal-ħruġ, id-data ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES f’punt ta’ qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar. Jekk ikun possibbli u applikabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu taħlita ta’ punti ta’ qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar. Sabiex tiġi żgurata tnedija kkontrollata tal-EES u biex jiġu ġestiti u evitati ħinijiet ta’ stennija twal potenzjali fil-fruntieri, fejn rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-funzjonalitajiet kollha tal-EES b’mod	(6) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibdew progressivament joperaw l-EES biex jirreġistraw, mad-dħul u mal-ħruġ, id-data ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES f’punt ta’ qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar. Jekk ikun possibbli u applikabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu taħlita ta’ punti ta’ qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar. Sabiex tiġi żgurata tnedija kkontrollata tal-EES u biex jiġu ġestiti u evitati ħinijiet ta’ stennija twal potenzjali fil-fruntieri, fejn rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-funzjonalitajiet kollha tal-EES b’mod

progressiv u jirreġistraw id-data taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES gradwalment. Sabiex jiġi żgurat approċċ koordinat, jenħtieġ li l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet jiġi implimentat f'fażijiet, li jenħtieġ li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri. L-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jaċċelleraw l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali jew jibdew joperaw l-EES bis-sħiħ mill-bidu tal-approċċ progressiv.	progressiv u jirreġistraw id-data taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES gradwalment. Sabiex jiġi żgurat approċċ koordinat, jenħtieġ li l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet jiġi implimentat f'fażijiet, li jenħtieġ li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri. L-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jaċċelleraw l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali jew jibdew joperaw l-EES bis-sħiħ mill-bidu tal-approċċ progressiv. ***L-ipproċessar gradwali tad-data fl-EES jenħtieġ li jitwettaq b'rispett sħiħ għad-drittijiet tas-suġġetti tad-data kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] u jenħtieġ li ma jwassalx, direttament jew indirettament, għal xi forma ta' diskriminazzjoni jew tfassil ta' profili. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, jenħtieġ li toħroġ linji gwida dwar l-ipproċessar ta' data personali fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.***
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/2016-05-04).
	Or. en

Emenda 38
Francisco Assis
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) ***Jenħtieġ li l-Istati Membri*** jibdew progressivament joperaw l-EES biex jirreġistraw, mad-dħul u mal-ħruġ, id-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES f'punt ta' qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar. Jekk ikun possibbli u applikabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu taħlita ta' punti ta' qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar. Sabiex tiġi żgurata tnedija kkontrollata tal-EES u biex jiġu ġestiti u evitati ħinijiet ta' stennija twal potenzjali fil-fruntieri, fejn rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-funzjonalitajiet kollha tal-EES b'mod progressiv u jirreġistraw id-data taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES gradwalment. Sabiex jiġi żgurat approċċ koordinat, ***jenħtieġ li l-bidu*** progressiv tal-operazzjonijiet jiġi implimentat f'fażijiet, li jenħtieġ li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi li għandhom jintlaħqu ***mill-Istati*** Membri. L-Istati Membri se ***jkollhom il-possibbiltà*** li jaċċelleraw l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali jew jibdew joperaw l-EES bis-sħiħ mill-bidu ***tal-approċċ progressiv***.	(6) ***L-Istati Membri li ma għandhomx l-intenzjoni li jużaw l-EES b'mod sħiħ għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES u li jużaw l-EES simultanjament fil-punti kollha ta' qsim tal-fruntieri tagħhom mill-bidu tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li*** jibdew progressivament joperaw l-EES biex jirreġistraw, mad-dħul u mal-ħruġ, id-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES f'punt ta' qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar. Jekk ikun possibbli u applikabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu taħlita ta' punti ta' qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar. Sabiex tiġi żgurata tnedija kkontrollata tal-EES u biex jiġu ġestiti u evitati ħinijiet ta' stennija twal potenzjali fil-fruntieri, fejn rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-funzjonalitajiet kollha tal-EES b'mod progressiv u jirreġistraw id-data taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES gradwalment. Sabiex jiġi żgurat approċċ koordinat, ***fejn l-Istati Membri jagħżlu bidu*** progressiv tal-operazzjonijiet***, dan jenħtieġ li*** jiġi implimentat f'fażijiet, li jenħtieġ li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi li għandhom jintlaħqu ***minn dawk l-Istati*** Membri. L-Istati Membri se ***jżommu l-possibbiltà*** li jaċċelleraw l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali jew jibdew joperaw l-EES bis-sħiħ mill-bidu ***tal-operazzjonijiet***.

Or. en

Emenda 39
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE
Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibdew progressivament joperaw l-EES biex jirreġistraw, mad-dħul u mal-ħruġ, id-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES f'punt ta' qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar. Jekk ikun possibbli u applikabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu taħlita ta' punti ta' qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar. Sabiex tiġi żgurata tnedija kkontrollata tal-EES u biex jiġu ġestiti u evitati ħinijiet ta' stennija twal potenzjali fil-fruntieri, fejn rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-funzjonalitajiet kollha tal-EES b'mod progressiv u jirreġistraw id-data taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES gradwalment. Sabiex jiġi żgurat approċċ koordinat, jenħtieġ li l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet jiġi implimentat f'fażijiet, li jenħtieġ li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri. L-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jaċċelleraw l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali jew jibdew joperaw l-EES bis-sħiħ mill-bidu tal-approċċ progressiv.	(6) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibdew progressivament joperaw l-EES biex jirreġistraw, mad-dħul u mal-ħruġ, id-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES f'punt ta' qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar***, u f'korsija waħda jew iktar tat-tali punti ta' qsim tal-fruntieri***. Jekk ikun possibbli u applikabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu taħlita ta' punti ta' qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar. Sabiex tiġi żgurata tnedija kkontrollata tal-EES u biex jiġu ġestiti u evitati ħinijiet ta' stennija twal potenzjali fil-fruntieri, fejn rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-funzjonalitajiet kollha tal-EES b'mod progressiv u jirreġistraw id-data taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES gradwalment. Sabiex jiġi żgurat approċċ koordinat, jenħtieġ li l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet jiġi implimentat f'fażijiet, li jenħtieġ li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri. L-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jaċċelleraw l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali jew jibdew joperaw l-EES bis-sħiħ mill-bidu tal-approċċ progressiv.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tiċċara l-pożizzjoni ddikjarata preċedentement tal-Kummissjoni li l-EES tista' tiġi introdotta f'korsiji magħżula fil-punti ta' qsim tal-fruntieri.

Emenda 40
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibdew progressivament joperaw l-EES biex	(6) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibdew progressivament joperaw l-EES biex

jirreġistraw, mad-dħul u mal-ħruġ, id-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES f'punt ta' qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar. Jekk ikun possibbli u applikabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu taħlita ta' punti ta' qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar. Sabiex tiġi żgurata tnedija kkontrollata tal-EES u biex jiġu ġestiti u evitati ħinijiet ta' stennija twal potenzjali fil-fruntieri, fejn rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-funzjonalitajiet kollha tal-EES b'mod progressiv u jirreġistraw id-data taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES gradwalment. Sabiex jiġi żgurat approċċ koordinat, jenħtieġ li l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet jiġi implimentat f'fażijiet, li jenħtieġ li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri. L-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jaċċelleraw l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali jew jibdew joperaw l-EES bis-sħiħ mill-bidu tal-approċċ progressiv.	jirreġistraw, mad-dħul u mal-ħruġ, id-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES f'punt ta' qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar. Jekk ikun possibbli u applikabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu taħlita ta' punti ta' qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar. Sabiex tiġi żgurata tnedija kkontrollata tal-EES u biex jiġu ġestiti u evitati ħinijiet ta' stennija twal potenzjali fil-fruntieri, fejn rilevanti ***u jekk ikun meħtieġ***, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-funzjonalitajiet kollha tal-EES b'mod progressiv u jirreġistraw id-data taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES gradwalment. Sabiex jiġi żgurat approċċ koordinat, jenħtieġ li l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet jiġi implimentat f'fażijiet, li jenħtieġ li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri. L-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jaċċelleraw l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali jew jibdew joperaw l-EES bis-sħiħ mill-bidu tal-approċċ progressiv.
	Or. en

Emenda 41
Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6b) Sabiex jiġu massimizzati l-benefiċċji għas-sigurtà tal-EES mill-bidu tal-implimentazzjoni progressiva tagħha, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprijoritizzaw it-tħaddim tal-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri li huma milquta l-aktar ta' sikwit mill-migrazzjoni irregolari, mill-qsim illegali tal-fruntieri jew mill-kriminalità organizzata. Tali prijoritizzazzjoni hija meħtieġa biex tissaħħaħ is-sigurtà ġenerali taż-żona Schengen filwaqt li tinżamm il-flessibbiltà għall-adattament

għat-tħejjija operazzjonali.

Or. en

Emenda 42
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE
Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex ***jiġi ffaċilitat l-iskjerament*** bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA, European Union Agency for the Operational Management of Large-Scale IT Systems in the Area of Freedom, Security and Justice) tiżviluppa pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli biex tipprovdi gwida lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-Unjoni dwar l-ippjanar u l-eżekuzzjoni ***tal-iskjerament*** tal-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tagħha u jenħtieġ li tippreżentah lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-Unjoni. Jenħtieġ li dan il-pjan ***jinkludi l-limiti tal-kapaċità tas-Sistema*** Ċentrali kif speċifikat mill-eu-LISA għal kull fażi ***ta' mobilizzazzjoni***. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jibdew jew javvanzaw l-operazzjonijiet iqisu ***l-kapaċità tas-Sistema Ċentrali kif deskritt fil-pjan*** ta' introduzzjoni ta' livell għoli.	(7) Sabiex ***tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni*** bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA, European Union Agency for the Operational Management of Large-Scale IT Systems in the Area of Freedom, Security and Justice) tiżviluppa pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli biex tipprovdi gwida lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-Unjoni dwar l-ippjanar u l-eżekuzzjoni ***tal-implimentazzjoni*** tal-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tagħha ***("pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli tal-eu-LISA")*** u jenħtieġ li tippreżentah lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-Unjoni. Jenħtieġ li dan il-pjan ***jikkonferma l-istabbiltà ġenerali tal-EES, kif ukoll il-miri ta' prestazzjoni u disponibbiltà għas-Sistema*** Ċentrali kif speċifikat mill-eu-LISA għal kull fażi ***tal-implimentazzjoni. Dak il-pjan jenħtieġ li jkun fih ukoll strateġija biex jiġi indirizzat kwalunkwe difett funzjonali minuri, maġġuri u ta' mblukkar. Dak il-pjan jenħtieġ li jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-Lisa***. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jibdew jew javvanzaw l-operazzjonijiet iqisu ***l-pjan*** ta' introduzzjoni ta' livell għoli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata introduzzjoni b'suċċess tal-EES, huwa essenzjali li jkun hemm sistema ċentrali robusta flimkien ma' strateġija ċara biex jiġi indirizzat kwalunkwe falliment potenzjali.

Emenda 43
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex ***jiġi ffaċilitat l-iskjerament*** bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA, European Union Agency for the Operational Management of Large-Scale IT Systems in the Area of Freedom, Security and Justice) tiżviluppa pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli biex tipprovdi gwida lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-Unjoni dwar l-ippjanar u l-eżekuzzjoni ***tal-iskjerament*** tal-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tagħha u jenħtieġ li tippreżentah lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-Unjoni. Jenħtieġ li dan il-pjan jinkludi l-limiti tal-kapaċità tas-Sistema Ċentrali kif speċifikat mill-eu-LISA għal kull fażi ***ta' mobilizzazzjoni***. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jibdew jew javvanzaw l-operazzjonijiet iqisu l-kapaċità tas-Sistema Ċentrali kif deskritt fil-pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli.	(7) Sabiex ***tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni*** bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA, European Union Agency for the Operational Management of Large-Scale IT Systems in the Area of Freedom, Security and Justice) tiżviluppa pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli biex tipprovdi gwida lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-Unjoni dwar l-ippjanar u l-eżekuzzjoni ***tal-implimentazzjoni*** tal-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tagħha u jenħtieġ li tippreżentah lill-Kummissjoni, ***lill-Parlament Ewropew,*** lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-Unjoni. Jenħtieġ li dan il-pjan jinkludi l-limiti tal-kapaċità tas-Sistema Ċentrali kif speċifikat mill-eu-LISA għal kull fażi ***tal-implimentazzjoni***. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jibdew jew javvanzaw l-operazzjonijiet iqisu l-kapaċità tas-Sistema Ċentrali kif deskritt fil-pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli.

Or. en

Emenda 44
Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u mal-eu-LISA. Għal kull waħda mill-fażijiet tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jenħtieġ li l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali jinkludu l-informazzjoni dwar il-limiti u r-rekwiżiti stabbiliti, b'mod partikolari: (i) id-data minn meta l-EES se topera f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera; (ii) il-perċentwal tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri li għandhom jiġu rreġistrati fl-EES mill-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES; u (iii) fejn applikabbli, il-funzjonalitajiet bijometriċi li għandhom jitħaddmu f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera magħżul. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali rispettivi tagħhom, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkoordinaw b'mod xieraq mal-operaturi tal-infrastruttura fejn jinsabu l-punti ta' qsim tal-fruntieri. Sabiex jimmonitorjaw il-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu rapporti ta' kull xahar lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ***implimentazzjoni*** tagħhom. Jenħtieġ li tali rapporti ta' kull xahar jinkludu miżuri korrettivi, fejn meħtieġ, biex tiġi żgurata l-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.	(8) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u mal-eu-LISA. Għal kull waħda mill-fażijiet tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jenħtieġ li l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali jinkludu l-informazzjoni dwar il-limiti u r-rekwiżiti stabbiliti, b'mod partikolari: (i) id-data minn meta l-EES se topera f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera; (ii) il-perċentwal tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri li għandhom jiġu rreġistrati fl-EES mill-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES; u (iii) fejn applikabbli, il-funzjonalitajiet bijometriċi li għandhom jitħaddmu f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera magħżul. ***Fit-tħejjija tal-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu kif xieraq li jagħtu prijorità lit-tħaddim tal-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri li huma milquta l-aktar ta' sikwit mill-migrazzjoni irregolari, mill-qsim illegali tal-fruntieri jew mill-kriminalità organizzata, sabiex jiġu massimizzati l-benefiċċji għas-sigurtà tal-EES mill-bidu nett.*** Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali rispettivi tagħhom, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkoordinaw b'mod xieraq mal-operaturi tal-infrastruttura fejn jinsabu l-punti ta' qsim tal-fruntieri. Sabiex jimmonitorjaw il-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu rapporti ta' kull xahar lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ***introduzzjoni*** tagħhom. Jenħtieġ li tali rapporti ta' kull xahar jinkludu miżuri korrettivi, fejn meħtieġ, biex tiġi żgurata l-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

Emenda 45
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u mal-eu-LISA. Għal kull waħda mill-fażijiet tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jenħtieġ li l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali jinkludu l-informazzjoni dwar il-limiti u r-rekwiżiti stabbiliti, b'mod partikolari: (i) id-data minn meta l-EES se topera f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera; (ii) il-perċentwal tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri li għandhom jiġu rreġistrati fl-EES mill-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES; u (iii) fejn applikabbli, il-funzjonalitajiet bijometriċi li għandhom jitħaddmu f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera magħżul. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali rispettivi tagħhom, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkoordinaw b'mod xieraq mal-operaturi tal-infrastruttura fejn jinsabu l-punti ta' qsim tal-fruntieri. Sabiex jimmonitorjaw il-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu rapporti ta' kull xahar lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ***implimentazzjoni*** tagħhom. Jenħtieġ li tali rapporti ta' kull xahar jinkludu miżuri korrettivi, fejn meħtieġ, biex tiġi żgurata l-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.	(8) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u mal-eu-LISA. ***Jenħtieġ li l-eu-LISA tivvaluta jekk il-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali humiex konsistenti mal-pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli u għandha tikkonferma li ma fihom l-ebda nuqqas li jista' jdewwem aktar il-bidu tal-operazzjonijiet tal-EES.*** Għal kull waħda mill-fażijiet tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jenħtieġ li l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali jinkludu l-informazzjoni dwar il-limiti u r-rekwiżiti stabbiliti, b'mod partikolari: (i) id-data minn meta l-EES se topera f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera; (ii) il-perċentwal tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri li għandhom jiġu rreġistrati fl-EES mill-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES; u (iii) fejn applikabbli, il-funzjonalitajiet bijometriċi li għandhom jitħaddmu f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera magħżul. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali rispettivi tagħhom, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkoordinaw b'mod xieraq mal-operaturi tal-infrastruttura fejn jinsabu l-punti ta' qsim tal-fruntieri. Sabiex jimmonitorjaw il-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu rapporti ta' kull xahar lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ***introduzzjoni*** tagħhom. Jenħtieġ li tali

rapporti ta’ kull xahar jinkludu miżuri korrettivi, fejn meħtieġ, biex tiġi żgurata l-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

Or. en

Emenda 46
Francisco Assis
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet ta’ introduzzjoni nazzjonali f’konsultazzjoni mal-Kummissjoni u mal-eu-LISA. Għal kull waħda mill-fażijiet tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jenħtieġ li l-pjanijiet ta’ introduzzjoni nazzjonali jinkludu l-informazzjoni dwar il-limiti u r-rekwiżiti stabbiliti, b’mod partikolari: (i) id-data minn meta l-EES se topera f’kull punt ta’ qsim tal-fruntiera; (ii) il-perċentwal tal-għadd stmat ta’ qsim tal-fruntieri li għandhom jiġu rreġistrati fl-EES mill-għadd totali ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES; u (iii) fejn applikabbli, il-funzjonalitajiet bijometriċi li għandhom jitħaddmu f’kull punt ta’ qsim tal-fruntiera magħżul. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet ta’ introduzzjoni nazzjonali rispettivi tagħhom, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkoordinaw b’mod xieraq mal-operaturi tal-infrastruttura fejn jinsabu l-punti ta’ qsim tal-fruntieri. Sabiex jimmonitorjaw il-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu rapporti ta’ kull xahar lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta’ ***implimentazzjoni*** tagħhom. Jenħtieġ li tali rapporti ta’ kull xahar jinkludu miżuri	(8) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet ta’ introduzzjoni nazzjonali f’konsultazzjoni mal-Kummissjoni u mal-eu-LISA. Għal kull waħda mill-fażijiet tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jenħtieġ li l-pjanijiet ta’ introduzzjoni nazzjonali jinkludu l-informazzjoni dwar il-limiti u r-rekwiżiti stabbiliti, b’mod partikolari: (i) id-data minn meta l-EES se topera f’kull punt ta’ qsim tal-fruntiera; (ii) il-perċentwal tal-għadd stmat ta’ qsim tal-fruntieri li għandhom jiġu rreġistrati fl-EES mill-għadd totali ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES; u (iii) fejn applikabbli, il-funzjonalitajiet bijometriċi li għandhom jitħaddmu f’kull punt ta’ qsim tal-fruntiera magħżul. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet ta’ introduzzjoni nazzjonali rispettivi tagħhom, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkoordinaw b’mod xieraq mal-operaturi tal-infrastruttura fejn jinsabu l-punti ta’ qsim tal-fruntieri. Sabiex jimmonitorjaw il-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu rapporti ta’ kull xahar lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta’ ***introduzzjoni*** tagħhom ***sakemm l-EES ma tintużax għalkollox għaċ-ċittadini kollha***

korrettivi, fejn meħtieġ, biex tiġi żgurata l-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

ta' pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES u tintuża simultanjament fil-punti kollha ta' qsim tal-fruntieri fl-Istat Membru. Jenħtieġ li tali rapporti ta' kull xahar jinkludu miżuri korrettivi, fejn meħtieġ, biex tiġi żgurata l-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom ikunu obbligati jipprovdu rapporti ta' kull xahar dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' introduzzjoni tagħhom biss sal-punt fejn is-sistema tiġi introdotta bis-sħiħ f'dak l-Istat Membru.

Emenda 47
Jan-Christoph Oetjen, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u mal-eu-LISA. Għal kull waħda mill-fażijiet tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jenħtieġ li l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali jinkludu l-informazzjoni dwar il-limiti u r-rekwiżiti stabbiliti, b'mod partikolari: (i) id-data minn meta l-EES se topera f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera; (ii) il-perċentwal tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri li għandhom jiġu rreġistrati fl-EES mill-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES; u (iii) fejn applikabbli, il-funzjonalitajiet bijometriċi li għandhom jitħaddmu f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera magħżul. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali rispettivi tagħhom, l-Istati Membri ***huma mħeġġa*** jikkoordinaw b'mod xieraq mal-operaturi tal-infrastruttura fejn jinsabu l-punti ta'	(8) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u mal-eu-LISA. ***Dawk il-pjanijiet jenħtieġ li jiġu ppubblikati u kondiviżi mal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-partijiet ikkonċernati tal-industrija.*** Għal kull waħda mill-fażijiet tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jenħtieġ li l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali jinkludu l-informazzjoni dwar il-limiti u r-rekwiżiti stabbiliti, b'mod partikolari: (i) id-data minn meta l-EES se topera f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera; (ii) il-perċentwal tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri li għandhom jiġu rreġistrati fl-EES mill-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES; u (iii) fejn applikabbli, il-funzjonalitajiet bijometriċi li għandhom jitħaddmu f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera magħżul. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet ta'

qsim tal-fruntieri. Sabiex jimmonitorjaw il-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu rapporti ta' kull xahar lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ***implimentazzjoni*** tagħhom. Jenħtieġ li tali rapporti ta' kull xahar jinkludu miżuri korrettivi, fejn meħtieġ, biex tiġi żgurata l-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.	introduzzjoni nazzjonali rispettivi tagħhom, l-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jikkoordinaw b'mod xieraq mal-operaturi tal-infrastruttura fejn jinsabu l-punti ta' qsim tal-fruntieri. Sabiex jimmonitorjaw il-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu rapporti ta' kull xahar lill-Kummissjoni***, lill-Parlament Ewropew*** u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ***introduzzjoni*** tagħhom. Jenħtieġ li tali rapporti ta' kull xahar jinkludu miżuri korrettivi, fejn meħtieġ, biex tiġi żgurata l-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.
	Or. en

Emenda 48
Jan-Christoph Oetjen, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li jiġi żgurat li t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES ma jikkoinċidix mal-eqqel staġuni tal-ivvjaġġar fis-sajf (minn Ġunju sa Awwissu) jew fix-xitwa (minn Diċembru sa Frar).
	Or. en

Emenda 49
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(8a) Il-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu konċiżi u proporzjonati, u jenħtieġ li ma jimponux piż amministrattiv żejjed.

Or. en

Emenda 50
Francisco Assis
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Minħabba l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES u l-inkompletezza possibbli tad-data rreġistrata fl-EES, jenħtieġ li d-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu ttimbrati b'mod sistematiku mad-dħul u mal-ħruġ matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jqisu l-inkompletezza possibbli tar-rekords tad-dħul/ħruġ jew tar-rekords tar-rifjut ta' dħul u jenħtieġ li jikkunsidraw it-timbri bħala prevalenti fuq l-informazzjoni rreġistrata fl-EES. Barra minn hekk, meta jipprovdu informazzjoni lil ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar it-tul massimu li jifdal tas-soġġorn awtorizzat tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom fuq it-timbri mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar. Jenħtieġ li d-data rreġistrata fl-EES ***tipprevali f'każ*** li jkun hemm timbru nieqes.	(9) Minħabba l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES u l-inkompletezza possibbli tad-data rreġistrata fl-EES, jenħtieġ li d-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu ttimbrati b'mod sistematiku mad-dħul u mal-ħruġ matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jqisu l-inkompletezza possibbli tar-rekords tad-dħul/ħruġ jew tar-rekords tar-rifjut ta' dħul u jenħtieġ li jikkunsidraw it-timbri bħala prevalenti fuq l-informazzjoni rreġistrata fl-EES. Barra minn hekk, meta jipprovdu informazzjoni lil ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar it-tul massimu li jifdal tas-soġġorn awtorizzat tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom fuq it-timbri mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar. Jenħtieġ li d-data rreġistrata fl-EES ***tintuża fil-kalkolu tat-tul massimu li jifdal unikament fil-każ*** li jkun hemm timbru nieqes.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni tal-EES ma tista' tipprevali bl-ebda mod matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, peress li dik l-informazzjoni aktarx li ma tkunx kompluta.

Emenda 51
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Minħabba l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES u l-inkompletezza possibbli tad-data rreġistrata fl-EES, jenħtieġ li d-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu ttimbrati b'mod sistematiku mad-dħul u mal-ħruġ matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jqisu l-inkompletezza possibbli tar-rekords tad-dħul/ħruġ jew tar-rekords tar-rifjut ta' dħul u jenħtieġ li jikkunsidraw it-timbri bħala prevalenti fuq l-informazzjoni rreġistrata fl-EES. Barra minn hekk, meta jipprovdu informazzjoni lil ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar it-tul massimu li jifdal tas-soġġorn awtorizzat tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom fuq it-timbri mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar. Jenħtieġ li d-data rreġistrata fl-EES tipprevali f'każ li jkun hemm timbru nieqes.	(9) Minħabba l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES u l-inkompletezza ***u n-nuqqas ta' preċiżjoni*** possibbli tad-data rreġistrata fl-EES, jenħtieġ li d-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu ttimbrati b'mod sistematiku mad-dħul u mal-ħruġ matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jqisu l-inkompletezza possibbli tar-rekords tad-dħul/ħruġ jew tar-rekords tar-rifjut ta' dħul u jenħtieġ li jikkunsidraw it-timbri bħala prevalenti fuq l-informazzjoni rreġistrata fl-EES. Barra minn hekk, meta jipprovdu informazzjoni lil ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar it-tul massimu li jifdal tas-soġġorn awtorizzat tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom fuq it-timbri mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar. Jenħtieġ li d-data rreġistrata fl-EES tipprevali f'każ li jkun hemm timbru nieqes.

Or. en

Emenda 52
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Meta jitqies li d-data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES tista' ma tkunx kompluta, jenħtieġ li ***l-awtoritajiet***	(10) Meta jitqies li d-data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES tista' ma tkunx kompluta, jenħtieġ li ***d-data reġistrata fl-***

nazzjonali ma jqisux ir-riżultati pprovduti mill-kalkolatur awtomatizzat dwar it-tul massimu li jifdal tas-soġġorn awtorizzat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi rreġistrati fl-EES. Bl-istess mod, ***meta jwettqu l-kompiti tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali ma jqisux*** il-mekkaniżmu awtomatizzat biex jidentifikaw jew jimmarkaw in-nuqqas ta' rekords tal-ħruġ wara d-data tal-iskadenza ta' soġġorn awtorizzat jew ir-rekords li għalihom ikun inqabeż it-tul massimu tas-soġġorn awtorizzat, li jiġġeneraw listi ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn.

EES ma tiġix ipproċessata mill-kalkolatur awtomatizzat dwar it-tul massimu li jifdal tas-soġġorn awtorizzat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi rreġistrati fl-EES. Bl-istess mod, il-mekkaniżmu awtomatizzat biex jidentifikaw jew jimmarkaw in-nuqqas ta' rekords tal-ħruġ wara d-data tal-iskadenza ta' soġġorn awtorizzat jew ir-rekords li għalihom ikun inqabeż it-tul massimu tas-soġġorn awtorizzat, li jiġġeneraw listi ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn***, jenħtieġ li jiġi sospiż matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet***.

Or. en

Emenda 53
Francisco Assis
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Meta jitqies li d-data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES tista' ma tkunx kompluta, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali ma jqisux ir-riżultati pprovduti mill-kalkolatur awtomatizzat dwar it-tul massimu li jifdal tas-soġġorn awtorizzat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi rreġistrati fl-EES. Bl-istess mod, meta jwettqu l-kompiti tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali ma jqisux il-mekkaniżmu awtomatizzat biex jidentifikaw jew jimmarkaw in-nuqqas ta' rekords tal-ħruġ wara d-data tal-iskadenza ta' soġġorn awtorizzat jew ir-rekords li għalihom ikun inqabeż it-tul massimu tas-soġġorn awtorizzat***, li jiġġeneraw listi ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn***.	(10) Meta jitqies li d-data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES tista' ma tkunx kompluta, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali ma jqisux ir-riżultati pprovduti mill-kalkolatur awtomatizzat dwar it-tul massimu li jifdal tas-soġġorn awtorizzat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi rreġistrati fl-EES. Bl-istess mod, meta jwettqu l-kompiti tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali ma jqisux il-mekkaniżmu awtomatizzat biex jidentifikaw jew jimmarkaw in-nuqqas ta' rekords tal-ħruġ wara d-data tal-iskadenza ta' soġġorn awtorizzat jew ir-rekords li għalihom ikun inqabeż it-tul massimu tas-soġġorn awtorizzat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma għandu jkun hemm l-ebda lista tal-persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn iġġenerata matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

Emenda 54
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Sabiex l-Istati Membri jingħataw iż-żmien meħtieġ biex jaġġustaw għall-bidu tal-EES, għall-ewwel ***60*** jum kalendarju mill-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-użu ta' funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri ma jkunx obbligatorju. Mhux aktar tard ***mid-90*** jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi ***mill-inqas f'nofs il-punti*** ta' qsim tal-fruntieri tagħhom. Jenħtieġ li l-forniment ta' data bijometrika ma jkunx kundizzjoni tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn l-EES titħaddem mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi.	(11) Sabiex l-Istati Membri jingħataw iż-żmien meħtieġ biex jaġġustaw għall-bidu tal-EES, għall-ewwel ***180*** jum kalendarju mill-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-użu ta' funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri ma jkunx obbligatorju. Mhux aktar tard ***mill-180*** jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi ***f'mill-inqas 10 % tal-punti*** ta' qsim tal-fruntieri tagħhom. Jenħtieġ li l-forniment ta' data bijometrika ma jkunx kundizzjoni tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn l-EES titħaddem mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi.

Or. en

Emenda 55
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Sabiex l-Istati Membri jingħataw iż-żmien meħtieġ biex jaġġustaw għall-bidu tal-EES, għall-ewwel 60 jum kalendarju mill-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-użu ta'	(11) Sabiex l-Istati Membri jingħataw iż-żmien meħtieġ biex jaġġustaw għall-bidu tal-EES, għall-ewwel 60 jum kalendarju mill-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-użu ta'

funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri ma jkunx obbligatorju. Mhux aktar tard mid-90 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi mill-inqas f'nofs il-punti ta' qsim tal-fruntieri tagħhom. Jenħtieġ li l-forniment ta' data bijometrika ma jkunx kundizzjoni tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES ***fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn l-EES titħaddem mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi***.

funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri ma jkunx obbligatorju. Mhux aktar tard mid-90 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi mill-inqas f'nofs il-punti ta' qsim tal-fruntieri tagħhom. Jenħtieġ li l-forniment ta' data bijometrika ma jkunx kundizzjoni tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES ***matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet u fil-każ ta' sospensjoni tal-EES***.

Or. en

Emenda 56
Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Sabiex l-Istati Membri jingħataw iż-żmien meħtieġ biex jaġġustaw għall-bidu tal-EES, għall-ewwel 60 jum kalendarju mill-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-użu ta' funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri ma jkunx obbligatorju. Mhux aktar tard mid-90 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi mill-inqas f'nofs il-punti ta' qsim tal-fruntieri tagħhom. Jenħtieġ li l-forniment ta' data bijometrika ma jkunx kundizzjoni tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn l-EES titħaddem mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi.	(11) Sabiex l-Istati Membri jingħataw iż-żmien meħtieġ biex jaġġustaw għall-bidu tal-EES, għall-ewwel 60 jum kalendarju mill-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-użu ta' funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri ma jkunx obbligatorju. Mhux aktar tard mid-90 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi mill-inqas f'nofs il-punti ta' qsim tal-fruntieri tagħhom. ***Fejn applikabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu prijorità lit-tħaddim tal-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri identifikati fil-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali rispettivi tagħhom bħala dawk li huma milquta l-aktar ta' sikwit mill-migrazzjoni irregolari, mill-qsim illegali tal-fruntieri jew mill-kriminalità organizzata.*** Jenħtieġ li l-forniment ta' data bijometrika ma jkunx kundizzjoni tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-

EES fil-punti ta’ qsim tal-fruntieri fejn l-EES titħaddem mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi.

Or. en

Emenda 57
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Sabiex l-Istati Membri jingħataw iż-żmien meħtieġ biex jaġġustaw għall-bidu tal-EES, għall-ewwel 60 jum kalendarju mill-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-użu ta’ funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta’ qsim tal-fruntieri ma jkunx obbligatorju. Mhux aktar tard mid-90 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri joperaw l-EES b’funzjonalitajiet bijometriċi mill-inqas f’nofs il-punti ta’ qsim tal-fruntieri tagħhom. Jenħtieġ li l-forniment ta’ data bijometrika ma jkunx kundizzjoni tad-dħul għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES fil-punti ta’ qsim tal-fruntieri fejn l-EES titħaddem mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi.	(11) Sabiex l-Istati Membri jingħataw iż-żmien meħtieġ biex jaġġustaw għall-bidu tal-EES, għall-ewwel 60 jum kalendarju mill-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-użu ta’ funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta’ qsim tal-fruntieri ma jkunx obbligatorju. ***Madankollu, l-Istati Membri huma mħeġġa ħafna biex jagħmlu użu minn dawk il-funzjonalitajiet matul dak il-perjodu sabiex jappoġġaw tranżizzjoni operazzjonali bla xkiel u jingħata lok għall-identifikazzjoni u r-riżoluzzjoni f’waqthom ta’ kwalunkwe kwistjoni potenzjali tal-implimentazzjoni.*** Mhux aktar tard mid-90 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri joperaw l-EES b’funzjonalitajiet bijometriċi mill-inqas f’nofs il-punti ta’ qsim tal-fruntieri tagħhom. Jenħtieġ li l-forniment ta’ data bijometrika ma jkunx kundizzjoni tad-dħul għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES fil-punti ta’ qsim tal-fruntieri fejn l-EES titħaddem mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi.

Or. en

Emenda 58
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li d-data tagħhom għandha tiġi rreġistrata fl-EES jiġu infurmati dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-ipproċessar tad-data tagħhom fil-forma ta' mudell kif previst fl-Artikolu 50(5) tar-Regolament (UE) 2017/2226. Jenħtieġ li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lil ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni tal-EES tirreferi għall-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu infurmati fil-mudell tal-obbligu tagħhom li jipprovdu data bijometrika fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn dan jikkostitwixxi kundizzjoni ta' dħul. Jenħtieġ li jkunu konxji fil-mudell tal-konsegwenzi jekk ma tiġix ipprovduta data bijometrika. Jenħtieġ li jiġu infurmati fil-mudell li mhux se jkun possibbli għalihom li jivverifikaw it-tul li jifdal tas-soġġorn awtorizzat b'mezzi awtomatizzati.	(14) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li d-data tagħhom għandha tiġi rreġistrata fl-EES jiġu infurmati dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-ipproċessar tad-data tagħhom fil-forma ta' mudell kif previst fl-Artikolu 50(5) tar-Regolament (UE) 2017/2226 ***u li l-ġbir tad-data huwa obbligatorju għall-eżami tal-kundizzjonijiet tad-dħul kif ukoll dwar il-fatt li d-dħul jiġi rrifjutat jekk ċittadin ta' pajjiż terz jirrifjuta li jipprovdi d-data bijometrika mitluba għar-reġistrazzjoni, il-verifika jew l-identifikazzjoni fl-EES kif prevista fl-Artikolu 50(1), il-punti (d) u (e) tar-Regolament 2017/2226***. Jenħtieġ li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lil ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni tal-EES tirreferi għall-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu infurmati fil-mudell tal-obbligu tagħhom li jipprovdu data bijometrika fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn dan jikkostitwixxi kundizzjoni ta' dħul. Jenħtieġ li jkunu konxji fil-mudell tal-konsegwenzi jekk ma tiġix ipprovduta data bijometrika. Jenħtieġ li jiġu infurmati fil-mudell li mhux se jkun possibbli għalihom li jivverifikaw it-tul li jifdal tas-soġġorn awtorizzat b'mezzi awtomatizzati.

Or. en

Emenda 59
Francisco Assis
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi	(14) Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi

terzi li d-data tagħhom għandha tiġi rreġistrata fl-EES jiġu infurmati dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-ipproċessar tad-data tagħhom fil-forma ta' mudell kif previst fl-Artikolu 50(5) tar-Regolament (UE) 2017/2226. Jenħtieġ li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lil ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni tal-EES tirreferi għall-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu infurmati fil-mudell tal-obbligu tagħhom li jipprovdu data bijometrika fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn dan jikkostitwixxi kundizzjoni ta' dħul. Jenħtieġ li jkunu konxji fil-mudell tal-konsegwenzi jekk ma tiġix ipprovduta data bijometrika. Jenħtieġ li jiġu infurmati fil-mudell li mhux se jkun possibbli għalihom li jivverifikaw it-tul li jifdal tas-soġġorn awtorizzat b'mezzi awtomatizzati.

terzi li d-data tagħhom għandha tiġi rreġistrata fl-EES jiġu infurmati dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-ipproċessar tad-data tagħhom fil-forma ta' mudell kif previst fl-Artikolu 50(5) tar-Regolament (UE) 2017/2226. Jenħtieġ li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lil ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni tal-EES tirreferi għall-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Jenħtieġ li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu infurmati fil-mudell tal-obbligu tagħhom li jipprovdu data bijometrika fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn dan jikkostitwixxi kundizzjoni ta' dħul. Jenħtieġ li jkunu konxji fil-mudell tal-konsegwenzi jekk ma tiġix ipprovduta data bijometrika. Jenħtieġ li jiġu infurmati fil-mudell li mhux se jkun possibbli għalihom li jivverifikaw it-tul li jifdal tas-soġġorn awtorizzat b'mezzi awtomatizzati. ***L-awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jagħmlu l-isforzi raġonevoli kollha biex jipprovdu lil dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'dettalji dwar it-tul tas-soġġorn awtorizzat tagħhom abbażi tat-timbri fid-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħhom.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-vjaġġaturi ċittadini ta' pajjiż terz se jkollhom l-obbligi tal-EES mingħajr il-benefiċċji, tal-anqas matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. F'dawk iċ-ċirkostanzi, l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri għandhom jagħmlu l-isforzi raġonevoli kollha biex iżommu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi infurmati dwar it-tul li jifdal tas-soġġorn awtorizzat.

Emenda 60
Jan-Christoph Oetjen, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Sabiex jiġi rifless il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jenħtieġ li l-Kummissjoni tintroduċi aġġornamenti	(15) Sabiex jiġi rifless il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jenħtieġ li l-Kummissjoni tintroduċi***, tal-anqas darba***

rilevanti fis-sit web tal-EES.	***fix-xahar,*** aġġornamenti rilevanti fis-sit web tal-EES.

Or. en

Emenda 61
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) ***L-għan li titqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar id-drittijiet u l-obbligi speċifiċi tagħhom jinkiseb l-aħjar jekk l-Istati Membri jadattaw l-implimentazzjoni tal-kampanja abbażi ta' kif l-EES se topera fil-fruntieri tagħhom li fihom titħaddem l-EES f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2017/2226.*** Għalhekk, jenħtieġ li l-materjali ta' informazzjoni żviluppati mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-Istati Membri fil-kuntest tal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2017/2226 jiġu adattati biex titwettaq il-kampanja ta' informazzjoni li takkumpanja l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.	(16) Għalhekk, jenħtieġ li l-materjali ta' informazzjoni żviluppati mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-Istati Membri fil-kuntest tal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2017/2226 jiġu adattati biex titwettaq il-kampanja ta' informazzjoni li takkumpanja l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

Or. en

Emenda 62
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-għan li titqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar id-drittijiet u l-obbligi speċifiċi tagħhom jinkiseb l-aħjar jekk l-Istati Membri jadattaw l-implimentazzjoni tal-kampanja abbażi ta' kif l-EES se topera fil-fruntieri tagħhom li	(16) L-għan li titqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar id-drittijiet u l-obbligi speċifiċi tagħhom jinkiseb l-aħjar jekk l-Istati Membri jadattaw l-implimentazzjoni tal-kampanja abbażi ta' kif l-EES se topera fil-fruntieri tagħhom li

fihom titħaddem l-EES f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2017/2226. Għalhekk, jenħtieġ li l-materjali ta' informazzjoni żviluppati mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-Istati Membri fil-kuntest tal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2017/2226 jiġu adattati biex titwettaq il-kampanja ta' informazzjoni li takkumpanja l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.	fihom titħaddem l-EES f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2017/2226. Għalhekk, jenħtieġ li l-materjali ta' informazzjoni żviluppati mill-Kummissjoni***, bil-kooperazzjoni tal-awtoritajiet superviżorji u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u*** bl-appoġġ tal-Istati Membri fil-kuntest tal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2017/2226**,** jiġu adattati biex titwettaq il-kampanja ta' informazzjoni li takkumpanja l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.
	Or. en

Emenda 63
Francisco Assis
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-għan li titqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar id-drittijiet u l-obbligi speċifiċi tagħhom jinkiseb l-aħjar jekk l-Istati Membri jadattaw l-implimentazzjoni tal-kampanja abbażi ta' kif l-EES se topera fil-fruntieri tagħhom li fihom titħaddem l-EES f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2017/2226. Għalhekk, jenħtieġ li l-materjali ta' informazzjoni ***żviluppati mill-Kummissjoni*** bl-appoġġ tal-Istati Membri fil-kuntest tal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2017/2226 ***jiġu adattati biex titwettaq il-kampanja*** ta' informazzjoni ***li*** takkumpanja l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.	(16) L-għan li titqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar id-drittijiet u l-obbligi speċifiċi tagħhom jinkiseb l-aħjar jekk l-Istati Membri jadattaw l-implimentazzjoni tal-kampanja abbażi ta' kif l-EES se topera fil-fruntieri tagħhom li fihom titħaddem l-EES f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2017/2226. Għalhekk, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tadatta*** l-materjali ta' informazzjoni ***tagħha żviluppati*** bl-appoġġ tal-Istati Membri fil-kuntest tal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2017/2226 ***sabiex tiżgura li kampanja*** ta' informazzjoni ***preċiża*** takkumpanja l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.
	Or. en

Emenda 64
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, is-servizz web mhux se jippermetti liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jivverifikaw b'mod elettroniku t-tul eżatt tas-soġġorn awtorizzat tagħhom.	(17) Matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, is-servizz web mhux se jippermetti liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jivverifikaw b'mod elettroniku t-tul eżatt tas-soġġorn awtorizzat tagħhom. ***Minkejja dak il-fatt, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-eu-LISA, jużaw verżjonijiet temporanji jew preoperazzjonali tas-servizz web b'funzjonalitajiet limitati, għall-fini ta' ttestjar, wiri u validazzjoni bikrija tal-kapaċitajiet tal-EES.***

Or. en

Emenda 65
Francisco Assis
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, is-servizz web mhux se jippermetti liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jivverifikaw b'mod elettroniku t-tul eżatt tas-soġġorn awtorizzat tagħhom.	(17) Matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, is-servizz web mhux se jippermetti liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jivverifikaw b'mod elettroniku t-tul eżatt tas-soġġorn awtorizzat tagħhom. ***L-awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jagħmlu l-isforzi raġonevoli kollha biex jipprovdu lil dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'dettalji dwar it-tul tas-soġġorn awtorizzat tagħhom abbażi tat-timbri fid-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħhom.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi se jkollhom l-obbligi tal-EES mingħajr il-benefiċċji, tal-anqas matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. F'dawk iċ-ċirkostanzi, l-awtoritajiet nazzjonali

tal-Istati Membri għandhom jagħmlu l-isforzi raġonevoli kollha biex iżommu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi infurmati dwar it-tul li jifdal tas-soġġorn awtorizzat tagħhom.

Emenda 66
Jan-Christoph Oetjen, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Dan ir-Regolament ma jaffettwax l-obbligi tat-trasportaturi tal-ajru, it-trasportaturi bil-baħar u t-trasportaturi internazzjonali li jittrasportaw gruppi fuq l-art bil-kowċ kif stabbilit fl-Artikolu 26(1) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen[5]u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/51/KE.[6]F'dan ir-rigward, jenħtieġ li t-trasportaturi jivverifikaw it-timbri mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar. Sabiex tiġi żgurata komunikazzjoni effettiva mat-trasportaturi dwar l-applikazzjoni distinta tal-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, li fl-aħħar mill-aħħar ikunu ta' benefiċċju għall-vjaġġaturi, huwa kruċjali li l-Istati Membri jkunu trasparenti dwar ***l-iskjerament*** tal-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri tagħhom.	(18) Dan ir-Regolament ma jaffettwax l-obbligi tat-trasportaturi tal-ajru, it-trasportaturi bil-baħar u t-trasportaturi internazzjonali li jittrasportaw gruppi fuq l-art bil-kowċ kif stabbilit fl-Artikolu 26(1) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen[5] u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/51/KE.[6] F'dan ir-rigward, jenħtieġ li t-trasportaturi jivverifikaw it-timbri mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar. Sabiex tiġi żgurata komunikazzjoni effettiva mat-trasportaturi dwar l-applikazzjoni distinta tal-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, li fl-aħħar mill-aħħar ikunu ta' benefiċċju għall-vjaġġaturi, huwa kruċjali li l-Istati Membri jkunu trasparenti dwar ***l-implimentazzjoni*** tal-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri tagħhom ***u jikkondividu l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali tagħhom mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija***.
[5] Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom ("il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen") (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/2000/922/oj).	[5] Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom ("il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen") (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/convention/2000/922/oj).
[6] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/51/KE tat-28 ta' Ġunju 2001 li tissupplementa d-dispożizzjoni tal-Artikolu 26 tal-	[6] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/51/KE tat-28 ta' Ġunju 2001 li tissupplementa d-dispożizzjoni tal-Artikolu 26 tal-

Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 ***(***(ĠU L 187, 10.7.2001, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/51/oj).	Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 (ĠU L 187, 10.7.2001, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/51/oj).

Or. en

Emenda 67
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2017/2226 u l-Artikolu 12a tar-Regolament (UE) 2016/399 jipprevedu perjodu tranżitorju u miżuri tranżizzjonali li jirreferu għall-bidu tal-operazzjonijiet tal-EES. Jeħtieġ li ssir deroga minn dawk l-Artikoli biex jiġi żgurat li l-perjodu tranżitorju u l-miżuri tranżizzjonali japplikaw biss minn tmiem il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. ***Jenħtieġ li dik id-deroga tieqaf tapplika 5 snin u 180 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226.***	(19) L-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2017/2226 u l-Artikolu 12a tar-Regolament (UE) 2016/399 jipprevedu perjodu tranżitorju u miżuri tranżizzjonali li jirreferu għall-bidu tal-operazzjonijiet tal-EES. Jeħtieġ li ssir deroga minn dawk l-Artikoli biex jiġi żgurat li l-perjodu tranżitorju u l-miżuri tranżizzjonali japplikaw biss minn tmiem il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

Or. en

Emenda 68
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE, fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, jevitaw li jieħdu deċiżjonijiet ibbażati esklużivament fuq data rreġistrata fl-EES, jenħtieġ li huma jqisu li l-fajls individwali rreġistrati fl-EES	(20) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE, fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, jevitaw li jieħdu deċiżjonijiet ibbażati esklużivament fuq data rreġistrata fl-EES, jenħtieġ li huma jqisu li l-fajls individwali rreġistrati fl-EES

jista' jkun fihom settijiet ta' data mhux kompluti***. Jenħtieġ li dik id-deroga tieqaf tapplika 5 snin wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 biex tirrifletti l-perjodu taż-żamma ta' 5 snin għas-settijiet ta' data li għalihom ir-rekord tal-ħruġ ikun nieqes kif stabbilit fl-Artikolu 34(3) ta' dak ir-Regolament***.	jista' jkun fihom settijiet ta' data mhux kompluti ***jew mhux preċiżi***.

Or. en

Emenda 69
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) ***Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE, fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, jevitaw li jieħdu deċiżjonijiet ibbażati esklużivament fuq data rreġistrata fl-EES***, jenħtieġ li ***huma jqisu li l-fajls individwali rreġistrati fl-EES jista' jkun fihom settijiet ta' data mhux kompluti***. Jenħtieġ li dik id-deroga tieqaf tapplika 5 snin wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 biex tirrifletti l-perjodu taż-żamma ta' 5 snin għas-settijiet ta' data li għalihom ir-rekord tal-ħruġ ikun nieqes kif stabbilit fl-Artikolu 34(3) ta' dak ir-Regolament.	(20) ***Filwaqt li jitqies li matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, il-fajls individwali rreġistrati fl-EES jista' jkun fihom settijiet ta' data mhux kompluti***, jenħtieġ li ***l-awtoritajiet nazzjonali ma jieħdux deċiżjonijiet li jolqtu lill-individwi b'mod negattiv purament abbażi tad-data rreġistrata fl-EES jew abbażi tal-fatt li r-reġistrazzjoni ta' dħul jew ħruġ tkun nieqsa***. Jenħtieġ li dik id-deroga tieqaf tapplika 5 snin wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 biex tirrifletti l-perjodu taż-żamma ta' 5 snin għas-settijiet ta' data li għalihom ir-rekord tal-ħruġ ikun nieqes kif stabbilit fl-Artikolu 34(3) ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 70
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE
Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE, fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, jevitaw li jieħdu deċiżjonijiet ibbażati esklużivament fuq data rreġistrata fl-EES, jenħtieġ li huma jqisu li l-fajls individwali rreġistrati fl-EES jista' jkun fihom settijiet ta' data mhux kompluti. Jenħtieġ li dik id-deroga tieqaf tapplika 5 snin wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 biex tirrifletti l-perjodu taż-żamma ta' 5 snin għas-settijiet ta' data li għalihom ir-rekord tal-ħruġ ikun nieqes kif stabbilit fl-Artikolu 34(3) ta' dak ir-Regolament.	(20) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE, fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, jevitaw li jieħdu deċiżjonijiet ibbażati esklużivament fuq data rreġistrata fl-EES, jenħtieġ li huma jqisu li l-fajls individwali rreġistrati fl-EES jista' jkun fihom settijiet ta' data mhux kompluti. Jenħtieġ li dik id-deroga tieqaf tapplika 5 snin wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 biex tirrifletti l-perjodu taż-żamma ta' 5 snin għas-settijiet ta' data li għalihom ir-rekord tal-ħruġ ikun nieqes kif stabbilit fl-Artikolu 34(3) ta' dak ir-Regolament. ***Jenħtieġ li r-rekords tad-dħul u tal-ħruġ maħluqa matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet ma jintużawx għar-rappurtar awtomatizzat, u lanqas għal proċessi awtomatizzati, inkluż il-konsultazzjoni awtomatizzata mill-ETIAS.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li ssib bilanċ bejn it-tħassir komplut tad-data u l-ġenerazzjoni ta' pożittivi foloz minn data mhux kompluta.

Emenda 71
Francisco Assis
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) ***Sabiex jiġi żgurat li*** l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE, fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, jevitaw li jieħdu deċiżjonijiet ibbażati esklużivament fuq data rreġistrata fl-EES, jenħtieġ li ***huma jqisu*** li l-fajls individwali rreġistrati fl-EES	(20) L-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE, fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, ***jenħtieġ li*** jevitaw li jieħdu deċiżjonijiet ibbażati esklużivament ***jew primarjament*** fuq data rreġistrata fl-EES, ***minħabba li*** jenħtieġ li ***jkunu konxji mill-***

jista' jkun fihom settijiet ta' data mhux kompluti. Jenħtieġ li dik id-deroga tieqaf tapplika 5 snin wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 biex tirrifletti l-perjodu taż-żamma ta' 5 snin għas-settijiet ta' data li għalihom ir-rekord tal-ħruġ ikun nieqes kif stabbilit fl-Artikolu 34(3) ta' dak ir-Regolament.	***fatt*** li l-fajls individwali rreġistrati fl-EES jista' jkun fihom settijiet ta' data mhux kompluti. Jenħtieġ li dik id-deroga tieqaf tapplika 5 snin wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 biex tirrifletti l-perjodu taż-żamma ta' 5 snin għas-settijiet ta' data li għalihom ir-rekord tal-ħruġ ikun nieqes kif stabbilit fl-Artikolu 34(3) ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi ċċarat li l-awtoritajiet nazzjonali u l-Aġenziji tal-UE ma jistgħux jiddependu fuq l-informazzjoni fl-EES għal perjodu ta' ħames snin, minħabba l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet u s-settijiet ta' data mhux kompluti li dan se jwassal għalihom.

Emenda 72
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta żżomm lura milli tuża data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet għat-twettiq ta' analiżijiet tar-riskju u valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà minħabba l-inkompletezza tad-data li tista' twassal għal valutazzjonijiet tar-riskju u tal-vulnerabbiltà qarrieqa.	***imħassar***

Or. fi

Emenda 73
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta żżomm lura milli tuża data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet għat-twettiq ta' analiżijiet tar-riskju u valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà minħabba l-inkompletezza tad-data li tista' twassal għal valutazzjonijiet tar-riskju u tal-vulnerabbiltà qarrieqa.	(22) Jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta żżomm lura milli tuża data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet għat-twettiq ta' analiżijiet tar-riskju u valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà minħabba l-inkompletezza tad-data li tista' twassal għal valutazzjonijiet tar-riskju u tal-vulnerabbiltà qarrieqa. ***Bl-istess mod, f'konformità mal-prinċipju tal-preċiżjoni u sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' konkordanzi mhux korretti, jenħtieġ li l-aċċess mill-Europol għal data rreġistrata fl-EES għal finijiet ta' infurzar tal-liġi jiġi prekluż sa tmiem il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES.***

Or. en

Emenda 74
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, fil-punti ta' qsim tal-fruntieri li fihom ma tiġix operata l-EES, jenħtieġ li l-verifiki fuq il-fruntieri jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399 kif applikabbli [il-jum qabel id-data minn meta l-EES għandha tibda topera kif deċiż mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226]. Fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn titħaddem l-EES, jenħtieġ li l-verifiki fuq il-fruntieri jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2226 u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Madankollu, jenħtieġ li japplikaw derogi speċifiċi minn dawn ir-Regolamenti fir-rigward tal-	(23) ***Il-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni hija essenzjali għal żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, peress li tiffaċilita l-qsim leġittimu tal-fruntieri, tiżgura ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni, issaħħaħ is-sigurtà interna billi tidentifika u tipprevjeni t-theddid fil-fruntieri esterni, u tħares il-prinċipju tal-moviment ħieles tal-persuni.*** Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, fil-punti ta' qsim tal-fruntieri li fihom ma tiġix operata l-EES, jenħtieġ li l-verifiki fuq il-fruntieri jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399 kif applikabbli [il-jum qabel id-data minn meta l-EES għandha tibda topera kif deċiż mill-Kummissjoni

verifika fil-punti ta’ qsim tal-fruntieri li fihom titħaddem l-EES mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi biex jippermettu l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Dan jenħtieġ li jseħħ mingħajr preġudizzju għall-verifiki tad-detenturi tal-viża bl-użu tal-marki tas-swaba’, f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 787/2008.

f’konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226]. Fil-punti ta’ qsim tal-fruntieri fejn titħaddem l-EES, jenħtieġ li l-verifiki fuq il-fruntieri jitwettqu f’konformità mar-Regolament (UE) 2017/2226 u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen. Madankollu, jenħtieġ li japplikaw derogi speċifiċi minn dawn ir-Regolamenti fir-rigward tal-verifika fil-punti ta’ qsim tal-fruntieri li fihom titħaddem l-EES mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi biex jippermettu l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Dan jenħtieġ li jseħħ mingħajr preġudizzju għall-verifiki tad-detenturi tal-viża bl-użu tal-marki tas-swaba’, f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 787/2008.

Or. en

Emenda 75
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex ikun jista’ jsir aġġustament effettiv tal-arranġamenti tekniċi u organizzattivi matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES f’kull Stat Membru u biex jiġu indirizzati ċirkostanzi eċċezzjonali ta’ falliment tas-Sistema Ċentrali tal-EES, tas-sistemi nazzjonali jew tal-infrastruttura ta’ komunikazzjoni, jew ħinijiet ta’ stennija eċċessivi fil-fruntieri tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jissospendu l-operazzjonijiet tal-EES f’ċerti punti ta’ qsim tal-fruntieri, b’mod sħiħ jew parzjali. F’każ ta’ sospensjoni parzjali, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni ta’ data bijometrika fl-EES tiġi sospiża. F’każ ta’ sospensjoni sħiħa, jenħtieġ li ma tiġi rreġistrata l-ebda data fl-EES. Sabiex jittaffew ir-riskji addizzjonali relatati ***mal-iskjerament*** tal-EES b’funzjonalitajiet bijometriċi, jenħtieġ li l-	(24) Sabiex ikun jista’ jsir aġġustament effettiv tal-arranġamenti tekniċi u organizzattivi matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES f’kull Stat Membru u biex jiġu indirizzati ċirkostanzi eċċezzjonali ta’ falliment tas-Sistema Ċentrali tal-EES, tas-sistemi nazzjonali jew tal-infrastruttura ta’ komunikazzjoni, jew ħinijiet ta’ stennija eċċessivi fil-fruntieri tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jissospendu l-operazzjonijiet tal-EES f’ċerti punti ta’ qsim tal-fruntieri, b’mod sħiħ jew parzjali. F’każ ta’ sospensjoni parzjali, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni ta’ data bijometrika fl-EES tiġi sospiża. F’każ ta’ sospensjoni sħiħa, jenħtieġ li ma tiġi rreġistrata l-ebda data fl-EES. Sabiex jittaffew ir-riskji addizzjonali relatati ***mal-implimentazzjoni*** tal-EES b’funzjonalitajiet bijometriċi, jenħtieġ li l-

Istati Membri jkollhom il-possibbiltà, f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jwasslu għal traffiku ta' tali intensità li l-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri jsiru eċċessivi, li jissospendu r-reġistrazzjoni ta' data bijometrika fl-EES wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Jenħtieġ li tali sospensjoni tkun possibbli għal perjodu limitat ta' 60 jum wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, u jenħtieġ li tiġi estiża b'60 jum jekk inqas minn 80 % tal-fajls individwali rreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES ikun fihom data bijometrika.

Istati Membri jkollhom il-possibbiltà, f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jwasslu għal traffiku ta' tali intensità li l-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri jsiru eċċessivi, li jissospendu r-reġistrazzjoni ta' data bijometrika fl-EES wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Jenħtieġ li tali sospensjoni tkun possibbli għal perjodu limitat ta' 60 jum wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, u jenħtieġ li tiġi estiża b'60 jum jekk inqas minn 80 % tal-fajls individwali rreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES ikun fihom data bijometrika. ***Is-sospensjoni tar-reġistrazzjoni tad-data bijometrika fl-EES jenħtieġ li ma tolqotx negattivament id-drittijiet u l-kundizzjonijiet tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES. Jenħtieġ li deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul skont ir-Regolament (UE) 2016/399 ma titteħidx biss fuq il-bażi li r-reġistrazzjoni tad-data bijometrika fl-EES tkun ġiet sospiża mill-Istat Membru.***

Or. en

Emenda 76
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex ikun jista' jsir aġġustament effettiv tal-arranġamenti tekniċi u organizzattivi matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES f'kull Stat Membru u biex jiġu indirizzati ***ċirkostanzi eċċezzjonali*** ta' falliment tas-Sistema Ċentrali tal-EES, tas-sistemi nazzjonali jew tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, jew ħinijiet ta' stennija eċċessivi fil-fruntieri tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jissospendu l-operazzjonijiet tal-EES f'ċerti punti ta'	(24) Sabiex ikun jista' jsir aġġustament effettiv tal-arranġamenti tekniċi u organizzattivi matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES f'kull Stat Membru u biex jiġu indirizzati ***każijiet*** ta' falliment tas-Sistema Ċentrali tal-EES, tas-sistemi nazzjonali jew tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, jew ħinijiet ta' stennija eċċessivi fil-fruntieri tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jissospendu l-operazzjonijiet tal-EES f'ċerti punti ta' qsim tal-fruntieri, b'mod

qsim tal-fruntieri, b'mod sħiħ jew parzjali. F'każ ta' sospensjoni parzjali, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni ta' data bijometrika fl-EES tiġi sospiża. F'każ ta' sospensjoni sħiħa, jenħtieġ li ma tiġi rreġistrata l-ebda data fl-EES. Sabiex jittaffew ir-riskji addizzjonali relatati ***mal-iskjerament*** tal-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà, f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jwasslu għal traffiku ta' tali intensità li l-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri jsiru eċċessivi, li jissospendu r-reġistrazzjoni ta' data bijometrika fl-EES wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Jenħtieġ li tali sospensjoni tkun possibbli għal perjodu limitat ta' 60 jum wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, u jenħtieġ li tiġi estiża b'60 jum jekk inqas minn 80 % tal-fajls individwali rreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES ikun fihom data bijometrika.

sħiħ jew parzjali. F'każ ta' sospensjoni parzjali, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni ta' data bijometrika fl-EES tiġi sospiża. F'każ ta' sospensjoni sħiħa, jenħtieġ li ma tiġi rreġistrata l-ebda data fl-EES. Sabiex jittaffew ir-riskji addizzjonali relatati ***mal-implimentazzjoni*** tal-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà, f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jwasslu għal traffiku ta' tali intensità li l-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri jsiru eċċessivi, li jissospendu r-reġistrazzjoni ta' data bijometrika fl-EES wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Jenħtieġ li tali sospensjoni tkun possibbli għal perjodu limitat ta' 60 jum wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, u jenħtieġ li tiġi estiża b'60 jum jekk inqas minn 80 % tal-fajls individwali rreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES ikun fihom data bijometrika.

Or. en

Emenda 77
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE
Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li l-eu-LISA toħroġ rapporti dwar l-istatistika dwar l-użu tas-sistema, li jenħtieġ li ***sservi biex tevalwa l-prestazzjoni*** tas-sistema, ***tivvaluta l-konformità*** tal-Istati Membri ***mal-pjanijiet*** ta' introduzzjoni***, tidentifika*** oqsma għal titjib, ***timmonitorja l-konformità*** mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, u ***tappoġġa t-teħid*** ta' deċiżjonijiet relatati mal-iżvilupp u l-ottimizzazzjoni ulterjuri tas-sistema.	(25) Jenħtieġ li l-eu-LISA toħroġ rapporti dwar l-istatistika dwar l-użu tas-sistema, li jenħtieġ li ***jservu biex jevalwaw il-prestazzjoni*** tas-sistema, ***jivvalutaw il-konformità*** tal-Istati Membri ***mal-pjan*** ta' introduzzjoni ***ta' livell għoli tal-eu-LISA u l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali, jidentifikaw*** oqsma għal titjib, ***jimmonitorjaw il-konformità*** mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, u ***jappoġġaw it-teħid*** ta' deċiżjonijiet relatati mal-iżvilupp u l-ottimizzazzjoni ulterjuri

tas-sistema. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-eu-LISA tkompli tirrapporta regolarment lill-Bord tat-Tmexxija tagħha, li min-naħa tiegħu se jissorvelja l-introduzzjoni gradwali tal-operazzjonijiet tal-EES.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tfittex li tikkonferma li l-pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli jallinja mal-pjan nazzjonali u li ssaħħaħ ir-rwol tal-Bord tat-Tmexxija.

Emenda 78
Jan-Christoph Oetjen, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li l-eu-LISA ***toħroġ*** rapporti dwar l-istatistika dwar l-użu tas-sistema, li jenħtieġ li sservi biex tevalwa l-prestazzjoni tas-sistema, tivvaluta l-konformità tal-Istati Membri mal-pjanijiet ta' introduzzjoni, tidentifika oqsma għal titjib, timmonitorja l-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, u tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-iżvilupp u l-ottimizzazzjoni ulterjuri tas-sistema.	(25) Jenħtieġ li l-eu-LISA ***tippubblika*** rapporti dwar l-istatistika dwar l-użu tas-sistema, li jenħtieġ li sservi biex tevalwa l-prestazzjoni tas-sistema, tivvaluta l-konformità tal-Istati Membri mal-pjanijiet ta' introduzzjoni, tidentifika oqsma għal titjib, timmonitorja l-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, u tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-iżvilupp u l-ottimizzazzjoni ulterjuri tas-sistema.

Or. en

Emenda 79
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Jenħtieġ li l-ħidma preparatorja relatata mal-pjanijiet ta' introduzzjoni tiġi	(26) Jenħtieġ li l-ħidma preparatorja relatata mal-pjanijiet ta' introduzzjoni tiġi

attivata sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet japplika mid-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament EES. ***Peress li dan ir-Regolament jipprevedi derogi temporanji, jenħtieġ li jieqaf japplika 180 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226.*** Madankollu, jenħtieġ li r-regoli derogatorji dwar l-applikazzjoni tal-perjodu tranżitorju u l-miżuri tranżizzjonali, l-aċċess għad-data tal-EES, il-verifika mit-trasportaturi tat-timbri mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar u s-sospensjoni tal-EES japplikaw għal perjodu limitat wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

attivata sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet japplika mid-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament EES. Madankollu, jenħtieġ li r-regoli derogatorji dwar l-applikazzjoni tal-perjodu tranżitorju u l-miżuri tranżizzjonali, l-aċċess għad-data tal-EES, il-verifika mit-trasportaturi tat-timbri mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar u s-sospensjoni tal-EES japplikaw għal perjodu limitat wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

Or. en

Emenda 80
Francisco Assis
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Jenħtieġ li l-ħidma preparatorja relatata mal-pjanijiet ta' introduzzjoni tiġi attivata sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet japplika mid-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament EES. Peress li dan ir-Regolament jipprevedi derogi temporanji, ***jenħtieġ li jieqaf japplika 180 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226. Madankollu,*** jenħtieġ li ***r-regoli derogatorji dwar l-applikazzjoni tal-perjodu tranżitorju u l-miżuri tranżizzjonali, l-aċċess għad-data tal-EES, il-verifika mit-trasportaturi tat-timbri***	(26) Jenħtieġ li l-ħidma preparatorja relatata mal-pjanijiet ta' introduzzjoni tiġi attivata sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet japplika mid-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament EES. Peress li dan ir-Regolament jipprevedi derogi temporanji, ***dawk id-derogi*** jenħtieġ li japplikaw ***biss sakemm ikunu applikabbli f'konformità ma' dan ir-Regolament***.

mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar u s-sospensjoni tal-EES japplikaw ***għal perjodu limitat wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-derogi relatati mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (2016/399) u r-Regolament dwar l-EES innifsu (2017/2226) japplikaw għal perjodu ta' ħames snin. Id-derogi relatati mal-użu tad-data mill-Aġenziji tal-UE fit-twettiq tal-kompiti tagħhom japplikaw għal ħames snin. Peress li s-settijiet ta' data mhux kompluti se jippersistu sa ħames snin, l-awtoritajiet tal-Istati Membri ma għandhomx jiddependu fuq il-mekkaniżmu awtomatizzat f'dak il-perjodu fir-rigward ta' dawk li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn. Dawn il-perjodi ta' deroga differenti mhumiex riflessi fil-limitu ta' 180 jum kalendarju għad-derogi proposti f'din il-premessa.

Emenda 81
Jan-Christoph Oetjen, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Jenħtieġ li l-ħidma preparatorja relatata mal-pjanijiet ta' introduzzjoni tiġi attivata sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet japplika mid-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament EES. Peress li dan ir-Regolament jipprevedi derogi temporanji, jenħtieġ li jieqaf japplika 180 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226. Madankollu, jenħtieġ li r-regoli derogatorji dwar l-applikazzjoni tal-perjodu tranżitorju u l-miżuri tranżizzjonali, l-aċċess għad-data tal-EES, il-verifika mit-trasportaturi tat-timbri mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar u s-sospensjoni tal-EES japplikaw għal perjodu limitat wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.	(26) Jenħtieġ li l-ħidma preparatorja relatata mal-pjanijiet ta' introduzzjoni tiġi attivata sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. ***L-Istati Membri li għadhom ma ppreżentawx id-dikjarazzjoni ta' tħejjija tagħhom huma mħeġġa jagħmlu dan fi żmien 30 jum wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*** Jenħtieġ li l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet japplika mid-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament EES**.** ***Jenħtieġ li d-data ma tkunx aktar tard minn 60 jum wara l-preżentazzjoni tal-aħħar dikjarazzjoni ta' tħejjija jew 90 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, skont liema tiġi l-ewwel***. Peress li dan ir-Regolament jipprevedi derogi temporanji, jenħtieġ li jieqaf japplika 180 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità

mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226. Madankollu, jenħtieġ li r-regoli derogatorji dwar l-applikazzjoni tal-perjodu tranżitorju u l-miżuri tranżizzjonali, l-aċċess għad-data tal-EES, il-verifika mit-trasportaturi tat-timbri mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar u s-sospensjoni tal-EES japplikaw għal perjodu limitat wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

Or. en

Emenda 82
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES" tfisser il-perjodu ***ta' 180 jum kalendarju*** li jibda mid-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226;	(a) "bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES" tfisser il-perjodu li jibda mid-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 ***sakemm jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 7a***;

Or. en

Emenda 83
Jan-Christoph Oetjen, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES" tfisser il-perjodu ta' 180 jum kalendarju li jibda mid-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226;	(a) "bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES" tfisser il-perjodu ta' 180 jum kalendarju li jibda mid-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226***, mhux aktar tard minn 60 jum wara l-preżentazzjoni tal-aħħar dikjarazzjoni ta'***

tħejjija jew 90 jum wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, skont liema jiġi l-ewwel;

Or. en

Emenda 84
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [***it-30*** jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, kif ukoll lill-Europol, bi pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, b'kont meħud tal-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4. Dak il-pjan ta' introduzzjoni għandu jinkludi gwida dwar l-użu tal-EES lill-Istati Membri u lill-Europol, inklużi l-limiti tal-kapaċità tas-Sistema Ċentrali tal-EES.	1. Sa [***il-91*** jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, kif ukoll lill-Europol, bi pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, b'kont meħud tal-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4. Dak il-pjan ta' introduzzjoni għandu jinkludi gwida dwar l-użu tal-EES lill-Istati Membri u lill-Europol, inklużi l-limiti tal-kapaċità ***u limitazzjonijiet oħra rilevanti*** tas-Sistema Ċentrali tal-EES.

Or. en

Emenda 85
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [it-30 jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u	1. Sa [it-30 jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u

Ġustizzja (eu-LISA) għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, kif ukoll lill-Europol, bi pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, b'kont meħud tal-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4. Dak il-pjan ta' introduzzjoni għandu jinkludi gwida dwar l-użu tal-EES lill-Istati Membri u lill-Europol, inklużi l-limiti tal-kapaċità tas-Sistema Ċentrali tal-EES.	Ġustizzja (eu-LISA) għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, ***lill-Parlament Ewropew,*** lill-Istati Membri, kif ukoll lill-Europol, bi pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, b'kont meħud tal-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4. Dak il-pjan ta' introduzzjoni għandu jinkludi gwida dwar l-użu tal-EES lill-Istati Membri u lill-Europol, inklużi l-limiti tal-kapaċità tas-Sistema Ċentrali tal-EES.

Or. en

Emenda 86
Jan-Christoph Oetjen, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [it-30 jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, kif ukoll lill-Europol, bi pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, b'kont meħud tal-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4. Dak il-pjan ta' introduzzjoni għandu jinkludi gwida dwar l-użu tal-EES lill-Istati Membri u lill-Europol, inklużi l-limiti tal-kapaċità tas-Sistema Ċentrali tal-EES.	1. Sa [it-30 jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, ***lill-Parlament Ewropew,*** lill-Istati Membri, kif ukoll lill-Europol, bi pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, b'kont meħud tal-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4. Dak il-pjan ta' introduzzjoni għandu jinkludi gwida dwar l-użu tal-EES lill-Istati Membri u lill-Europol, inklużi l-limiti tal-kapaċità tas-Sistema Ċentrali tal-EES.

Or. en

Emenda 87
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [it-30 jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, kif ukoll lill-Europol, bi pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, b'kont meħud tal-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4. Dak il-pjan ta' introduzzjoni għandu jinkludi gwida dwar l-użu tal-EES lill-Istati Membri ***u lill-Europol***, inklużi l-limiti tal-kapaċità tas-Sistema Ċentrali tal-EES.	1. Sa [it-30 jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, kif ukoll lill-Europol, bi pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, b'kont meħud tal-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4. Dak il-pjan ta' introduzzjoni għandu jinkludi gwida dwar l-użu tal-EES lill-Istati Membri, inklużi l-limiti tal-kapaċità tas-Sistema Ċentrali tal-EES.

Or. en

Emenda 88
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sa [***is-60*** jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-eu-LISA, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw pjan ta' introduzzjoni nazzjonali dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, filwaqt li jqisu l-pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4.	2. Sa [***il-180*** jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-eu-LISA, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw pjan ta' introduzzjoni nazzjonali dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, filwaqt li jqisu l-pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4.

Or. en

Emenda 89
Jan-Christoph Oetjen, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Moritz Körner

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sa [is-60 jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-eu-LISA, l-Istati Membri għandhom ***jiżviluppaw*** pjan ta' introduzzjoni nazzjonali dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, filwaqt li jqisu l-pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4.	2. Sa [is-60 jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-eu-LISA, l-Istati Membri għandhom ***jippubblikaw*** pjan ta' introduzzjoni nazzjonali dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES ***u jaqsmuhom mal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-partijiet ikkonċernati tal-industrija***, filwaqt li jqisu l-pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4.

Or. en

Emenda 90
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sa [is-60 jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-eu-LISA, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw pjan ta' introduzzjoni nazzjonali dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, filwaqt li jqisu l-pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4.	2. Sa [is-60 jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-eu-LISA, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw pjan ta' introduzzjoni nazzjonali dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, filwaqt li jqisu l-pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4. ***L-eu-LISA għandha tivvaluta jekk il-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali humiex konsistenti mal-pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli u għandha tikkonferma li ma fihom l-ebda nuqqas li jista' jdewwem aktar il-bidu tal-operazzjonijiet tal-EES.***

Or. en

Emenda 91
Karlo Ressler

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fit-tħejjija tal-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali tagħhom kif imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jikkonsultaw lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta sabiex jidentifikaw il-punti ta' qsim tal-fruntieri li huma milquta l-aktar ta' sikwit mill-migrazzjoni irregolari jew mill-qsim illegali tal-fruntieri. Fejn rilevanti, l-Europol tista' tiġi kkonsultata wkoll biex tivvaluta l-involviment ta' networks tal-kriminalità organizzata, speċjalment fir-rigward tal-faċilitazzjoni ta' tali qsim tal-fruntieri. Tali konsultazzjonijiet għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li l-prijoritizzazzjoni tat-tħaddim tal-EES f'dawk il-punti ta' qsim tal-fruntieri timmassimizza l-benefiċċji għas-sigurtà tal-EES mill-bidu nett.

Or. en

Emenda 92
Jan-Christoph Oetjen, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għal kull waħda mill-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4, il-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali għandhom jinkludu l-informazzjoni dwar ***il-limiti*** u r-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-Artikolu.	3. Għal kull waħda mill-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4, il-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali għandhom jinkludu l-informazzjoni dwar ***kif għandhom jinkisbu l-limiti*** u r-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-Artikolu.

Or. en

Emenda 93
Francisco Assis
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mit-30 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom jipprovdu rapporti ta' kull xahar lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali tagħhom, inklużi miżuri korrettivi fejn meħtieġ biex jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4.	4. Mit-30 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES ***sakemm Stat Membru juża l-EES għalkollox għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES u simultanjament fil-punti kollha ta' qsim tal-fruntiera f'dak l-Istat Membru***, l-Istati Membri għandhom jipprovdu rapporti ta' kull xahar lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali tagħhom, inklużi miżuri korrettivi fejn meħtieġ biex jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-obbligu tal-Istati Membri li jipprovdu rapporti ta' kull xahar dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' introduzzjoni tagħhom għandu jintemm ladarba is-sistema tiġi introdotta b'mod komplut f'dak l-Istat Membru.

Emenda 94
Jan-Christoph Oetjen, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mit-30 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom jipprovdu rapporti ta' kull xahar lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali tagħhom, inklużi miżuri korrettivi fejn meħtieġ biex jikkonformaw mal-obbligi	4. Mit-30 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom jipprovdu rapporti ta' kull xahar lill-Kummissjoni***, lill-Parlament Ewropew*** u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali tagħhom, inklużi miżuri korrettivi fejn meħtieġ biex

stabbiliti fl-Artikolu 4.	jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4.

Or. en

Emenda 95
Jan-Christoph Oetjen, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Sophie Wilmès, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-eu-LISA għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bl-istatistika meħtieġa għall-monitoraġġ tal-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 63(6) tar-Regolament (UE) 2017/2226.	5. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-eu-LISA għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bl-istatistika meħtieġa għall-monitoraġġ ***tal-implimentazzjoni b'suċċess u f'waqtha*** tal-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali***, kif ukoll tal-pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli***, f'konformità mal-Artikolu 63(6) tar-Regolament (UE) 2017/2226.

Or. en

Emenda 96
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE
Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA għandu jadotta l-pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli tal-eu-LISA msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA għandu jimmonitorja wkoll l-iżvilupp tas-Sistema Ċentrali tal-EES f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2018/1726, b'mod partikolari fir-rigward tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

Or. en

Emenda 97
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, għandha toħroġ linji gwida dwar l-ipproċessar ta' data personali fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

Or. en

Emenda 98
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament għandhom ikunu konċiżi u proporzjonati, u ma għandhomx jimponu piż amministrattiv żejjed.

Or. en

Emenda 99
Francisco Assis
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. B’deroga mill-Artikolu 66(6) tar-Regolament (UE) 2017/2226 matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri ***għandhom*** jużaw l-EES kif stabbilit f’dan l-Artikolu.	1. B’deroga mill-Artikolu 66(6) tar-Regolament (UE) 2017/2226 matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri ***jistgħu*** jużaw l-EES kif stabbilit f’dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom jibqgħu liberi li japplikaw l-EES b’mod sħiħ fil-punti kollha ta’ qsim tal-fruntieri mill-ewwel, jekk dan hu l-approċċ li jippreferu.

Emenda 100
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-ewwel jum tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, kull Stat Membru għandu jibda juża l-EES mad-dħul ***u*** mal-ħruġ f’punt ta’ qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar ma’ taħlita ta’ punti ta’ qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar, jekk possibbli u applikabbli, biex jirreġistra u jaħżen data ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw fl-EES mill-inqas ***10*** % tal-għadd stmat ta’ qsim tal-fruntieri f’dak l-Istat Membru.	***Mit-30*** jum tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, kull Stat Membru għandu jibda juża l-EES mad-dħul ***jew*** mal-ħruġ f’punt ta’ qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar ma’ taħlita ta’ punti ta’ qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar, jekk possibbli u applikabbli, biex jirreġistra u jaħżen data ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw fl-EES mill-inqas ***2*** % tal-għadd stmat ta’ qsim tal-fruntieri f’dak l-Istat Membru.

Or. en

Emenda 101
Marieke Ehlers
f’isem il-Grupp PfE
Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-ewwel jum tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, kull Stat Membru għandu jibda juża l-EES mad-dħul u mal-ħruġ f'punt ta' qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar ma' taħlita ta' punti ta' qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar, jekk possibbli u applikabbli, biex jirreġistra u jaħżen data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw fl-EES mill-inqas 10 % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri f'dak l-Istat Membru.	Mill-ewwel jum tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, kull Stat Membru għandu jibda juża l-EES mad-dħul u mal-ħruġ f'punt ta' qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar ma' taħlita ta' punti ta' qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar, jekk possibbli u applikabbli, biex jirreġistra u jaħżen data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226. ***Sa mhux aktar tard mit-30 jum kalendarju tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES,*** l-Istati Membri għandhom jirreġistraw fl-EES mill-inqas 10 % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri f'dak l-Istat Membru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-approċċ tar-rapporteur (emenda 20), nipproponu approċċ gradwali matul l-ewwel 30 jum, proposta li tista' tiġi approvata mill-Kummissjoni.

Emenda 102
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-ewwel ***60*** jum kalendarju mill-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri jistgħu joperaw l-EES mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi, u l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu joħolqu jew jaġġornaw fajls individwali mingħajr data bijometrika.	Għall-ewwel ***180*** jum kalendarju mill-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri jistgħu joperaw l-EES mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi, u l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu joħolqu jew jaġġornaw fajls individwali mingħajr data bijometrika.

Or. en

Emenda 103
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Mhux aktar tard ***mid-90*** jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi mill-inqas ***f'nofs il-punti*** ta' qsim tal-fruntieri tagħhom. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw mill-inqas ***50*** % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri f'dak l-Istat Membru. Il-fajls individwali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226 li huma rreġistrati fl-EES ***għandu*** jkun fihom data bijometrika.	3. Mhux aktar tard ***mill-180*** jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi mill-inqas ***10 % tal-punti*** ta' qsim tal-fruntieri tagħhom. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw mill-inqas ***10*** % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri f'dak l-Istat Membru. Il-fajls individwali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226 li huma rreġistrati fl-EES ***jista'*** jkun fihom data bijometrika.

Or. en

Emenda 104
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Mhux aktar tard mid-90 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi mill-inqas f'nofs il-punti ta' qsim tal-fruntieri tagħhom. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw mill-inqas 50 % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri f'dak l-Istat Membru. Il-fajls individwali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226 li huma rreġistrati fl-EES għandu jkun fihom data bijometrika.	3. Mhux aktar tard mid-90 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi mill-inqas f'nofs il-punti ta' qsim tal-fruntieri tagħhom. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw mill-inqas 50 % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri f'dak l-Istat Membru. Il-fajls individwali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226 li huma rreġistrati fl-EES ***imħaddma bil-funzjonalitajiet bijometriċi*** għandu jkun fihom data bijometrika.

Or. en

Emenda 105
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mhux aktar tard ***mill-150*** jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi ***fil-punti*** ta' qsim tal-fruntieri ***kollha*** tagħhom u għandhom ***ikomplu*** jirreġistraw fl-EES mill-inqas 50 % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri f'dak l-Istat Membru.	4. Mhux aktar tard ***mit-300*** jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi ***f'nofs il-punti*** ta' qsim tal-fruntieri tagħhom u għandhom jirreġistraw fl-EES mill-inqas 50 % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri f'dak l-Istat Membru.

Or. en

Emenda 106
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Mhux aktar tard ***mill-170*** jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri kollha tagħhom u għandhom jirreġistraw fl-EES iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226.	5. Mhux aktar tard ***mit-320*** jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri kollha tagħhom u għandhom jirreġistraw fl-EES iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226.

Or. en

Emenda 107
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Ir-reġistrazzjoni tad-data bijometrika fl-EES ma għandhiex tirrappreżenta kundizzjoni tad-dħul għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.

Or. en

Emenda 108
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Ir-rifjuti tad-dħul, deċiżi f'punt ta' qsim tal-fruntiera li fih titħaddem l-EES, għandhom jiġu rreġistrati fl-EES, kif stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/2226. ***Meta l-EES titħaddem b'funzjonalitajiet bijometriċi, ir-rifjuti tad-dħul għandhom jiġu rreġistrati b'data bijometrika. Meta l-EES titħaddem mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi,*** ir-rifjuti tad-dħul għandhom jiġu rreġistrati mingħajr data bijometrika.	6. Ir-rifjuti tad-dħul, deċiżi f'punt ta' qsim tal-fruntiera li fih titħaddem l-EES, għandhom jiġu rreġistrati fl-EES, kif stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/2226. Ir-rifjuti tad-dħul għandhom jiġu rreġistrati mingħajr data bijometrika.

Or. en

Emenda 109
Alice Teodorescu Måwe

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Ir-rifjuti tad-dħul, deċiżi f'punt ta' qsim tal-fruntiera li fih titħaddem l-EES, għandhom jiġu rreġistrati fl-EES, kif stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/2226. Meta l-EES titħaddem	6. Ir-rifjuti tad-dħul, deċiżi f'punt ta' qsim tal-fruntiera li fih titħaddem l-EES, għandhom jiġu rreġistrati fl-EES, kif stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/2226. Meta l-EES titħaddem

b'funzjonalitajiet bijometriċi, ir-rifjuti tad-dħul għandhom jiġu rreġistrati b'data bijometrika. Meta l-EES titħaddem mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi, ir-rifjuti tad-dħul għandhom jiġu rreġistrati mingħajr data bijometrika.	b'funzjonalitajiet bijometriċi, ir-rifjuti tad-dħul għandhom jiġu rreġistrati b'data bijometrika. Meta l-EES titħaddem mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi, ir-rifjuti tad-dħul għandhom jiġu rreġistrati mingħajr data bijometrika***, sakemm tali data ma tistax tinġieb mill-VIS***.

Or. en

Emenda 110
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Mill-ewwel jum tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, il-Europol għandha tuża l-EES kif previst fir-Regolament (UE) 2017/2226.	***imħassar***

Or. en

Emenda 111
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. ***Mill-ewwel*** jum tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, il-Europol ***għandha*** tuża l-EES kif previst fir-Regolament (UE) 2017/2226.	7. ***Waqt l-ewwel*** jum tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, il-Europol ***ma għandhiex*** tuża l-EES kif previst fir-Regolament (UE) 2017/2226.

Or. en

Emenda 112
Francisco Assis
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minbarra r-regoli tal-Artikolu 4, ir-regoli stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES.	1. Minbarra r-regoli tal-Artikolu 4, ir-regoli stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw ***għall-Istati Membri kollha*** matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li d-deroga fl-Artikolu 4 għandha tkun fakultattiva għall-Istati Membri, huma jeħtiġilhom jikkonformaw mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 5 dwar l-ittimbrar tad-dokumenti tal-ivvjaġġar.

Emenda 113
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għad-dħul, l-emendar, it-tħassir u l-konsultazzjoni tad-data fl-EES, l-awtoritajiet nazzjonali li huma kompetenti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikoli 23 sa 35 tar-Regolament (UE) 2017/2226 għandhom iqisu li t-timbri jipprevalu fuq id-data tal-EES, inkluż f'każijiet ta' diskrepanza jew fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 16(4) ta' dak ir-Regolament. ***Id-data rreġistrata fl-EES għandha tipprevali f'każ li jkun hemm timbru nieqes.***	3. Għad-dħul, l-emendar, it-tħassir u l-konsultazzjoni tad-data fl-EES, l-awtoritajiet nazzjonali li huma kompetenti għall-finijiet stabbiliti fl-Artikoli 23 sa 35 tar-Regolament (UE) 2017/2226 għandhom iqisu li t-timbri jipprevalu fuq id-data tal-EES, inkluż f'każijiet ta' diskrepanza jew fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 16(4) ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 114
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fin-nuqqas ta' timbru mwaħħal fid-dokument tal-ivvjaġġar ***u ta' fajl individwali maħluq fl-EES*** għal ċittadin ta' pajjiż terz preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jippreżumu li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa ***l-kondizzjonijiet*** relatati mad-dħul jew mas-soġġorn fl-Istati Membri.	Fin-nuqqas ta' timbru mwaħħal fid-dokument tal-ivvjaġġar għal ċittadin ta' pajjiż terz preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jippreżumu li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa ***l-kundizzjonijiet*** relatati mad-dħul jew mas-soġġorn fl-Istati Membri.

Or. en

Emenda 115
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fin-nuqqas ta' timbru mwaħħal fid-dokument tal-ivvjaġġar u ta' fajl individwali maħluq fl-EES għal ċittadin ta' pajjiż terz preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali ***jistgħu*** jippreżumu li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa ***l-kondizzjonijiet*** relatati mad-dħul jew mas-soġġorn fl-Istati Membri.	Fin-nuqqas ta' timbru mwaħħal fid-dokument tal-ivvjaġġar u ta' fajl individwali maħluq fl-EES għal ċittadin ta' pajjiż terz preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali ***jeħtiġilhom*** jippreżumu li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa ***l-kundizzjonijiet*** relatati mad-dħul jew mas-soġġorn fl-Istati Membri.

Or. fi

Emenda 116
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet nazzjonali u l-Europol għandhom jinjoraw dan li ġej:	***imħassar***
(a) ir-riżultati tal-kalkolatur awtomatizzat li jipprovdi informazzjoni dwar it-tul	

massimu tas-soġġorn awtorizzat imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2017/2226;

(b) il-lista ġġenerata awtomatikament ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn u l-konsegwenzi tagħha b'mod partikolari kif imsemmi fl-Artikolu 6(1), il-punti (c) u (h), l-Artikolu 12(3), l-Artikolu 16(4), l-Artikolu 34(3), l-Artikolu 50(1), il-punti (i) u (k), l-Artikolu 63(1), il-punt (e) ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 117
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 9
—
___

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sistema ta' Dħul/Ħruġ qed tiġi introdotta progressivament. Matul dan il-perjodu ta' introduzzjoni [minn ...], id-data personali tiegħek, inkluża d-data bijometrika tiegħek, tista' ma tinġabarx għall-finijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ fil-fruntieri esterni kollha tal-Istati Membri. ***Jekk ikollna bżonn niġbru din l-informazzjoni b'mod obbligatorju u tagħżel li ma tipprovdihiex, tiġi rifjutat id-dħul***. Matul dan il-perjodu ta' introduzzjoni progressiva d-data tiegħek mhux se tiżdied awtomatikament ma' lista ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn. Barra minn hekk, mhux se tkun tista' tiċċekkja kemm inti awtorizzat li tibqa' tuża s-sit web jew it-tagħmir disponibbli fil-punti ta' qsim tal-fruntieri.	Is-sistema ta' Dħul/Ħruġ qed tiġi introdotta progressivament. Matul dan il-perjodu ta' introduzzjoni [minn ...], id-data personali tiegħek, inkluża d-data bijometrika tiegħek, tista' ma tinġabarx għall-finijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ fil-fruntieri esterni kollha tal-Istati Membri. ***Fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ titħaddem b'funzjonalitajiet bijometriċi, inti għandek l-obbligu li tipprovdi data bijometrika. In-nuqqas ta' reġistrazzjoni tad-data bijometrika matul il-perjodu tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ waħdu mhux se jwassal għal rifjut awtomatiku tad-dħul***. Matul dan il-perjodu ta' introduzzjoni progressiva d-data tiegħek mhux se tiżdied awtomatikament ma' lista ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn. Barra minn hekk, mhux se tkun tista' tiċċekkja kemm inti awtorizzat li tibqa' tuża s-sit web jew

it-tagħmir disponibbli fil-punti ta' qsim tal-fruntieri.

Or. en

Emenda 118
Francisco Assis
f'isem il-Grupp S&D

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 9
–
–

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sistema ta' Dħul/Ħruġ qed tiġi introdotta progressivament. Matul dan il-perjodu ta' introduzzjoni [minn ...], id-data personali tiegħek, inkluża d-data bijometrika tiegħek, ***tista' ma tinġabarx*** għall-finijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ fil-fruntieri esterni ***kollha tal-Istati*** Membri***. Jekk ikollna bżonn niġbru*** din l-informazzjoni ***b'mod obbligatorju u*** tagħżel li ma tipprovdihiex, tiġi rifjutat id-dħul. Matul dan il-perjodu ta' introduzzjoni progressiva ***d-data*** tiegħek mhux se tiżdied awtomatikament ma' lista ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn. Barra minn hekk, mhux se tkun tista' tiċċekkja ***kemm*** inti awtorizzat ***li*** tibqa' ***tuża s-sit*** web jew it-tagħmir disponibbli fil-punti ta' qsim tal-fruntieri.	Is-sistema ta' Dħul/Ħruġ qed tiġi introdotta progressivament. Matul dan il-perjodu ta' introduzzjoni [minn ...], id-data personali tiegħek, inkluża d-data bijometrika tiegħek, ***jista' jkun li tinġabar*** għall-finijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ fil-fruntieri esterni ***ta' ċerti Stati*** Membri ***u jista' jkun li ma tinġabarx fil-fruntieri esterni ta' Stati Membri oħra. Jekk Stat Membru jitolbok tippermetti l-ġbir ta'*** din l-informazzjoni ***u inti*** tagħżel li ma tipprovdihiex, tiġi rifjutat id-dħul. Matul dan il-perjodu ta' introduzzjoni progressiva***, id-data*** tiegħek mhux se tiżdied awtomatikament ma' lista ta' persuni li ***potenzjalment*** jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn. Barra minn hekk, mhux se tkun tista' tiċċekkja ***għal kemm żmien aktar*** inti awtorizzat tibqa' ***permezz tas-sit*** web jew it-tagħmir disponibbli fil-punti ta' qsim tal-fruntieri. ***Tista' tindirizza kwalunkwe mistoqsija dwar it-tul tas-soġġorn awtorizzat tiegħek lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti fil-fruntieri esterni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

(Din l-emenda tapplika biss għad-data addizzjonali proposta msemmija fl-Artikolu 5(9) ta' dan ir-Regolament.)

Emenda 119
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Il-kampanja ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2017/2226 li takkumpanja l-bidu tal-operazzjonijiet tal-EES, għandha tirrifletti ***l-kondizzjonijiet*** speċifiċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, filwaqt li tiżgura li l-informazzjoni rilevanti tiġi kkomunikata lil dawk affettwati, u filwaqt li tqis il-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri fit-tħejjija tal-materjali adattati tal-kampanja ta' informazzjoni.	11. Il-kampanja ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2017/2226 li takkumpanja l-bidu tal-operazzjonijiet tal-EES, għandha tirrifletti ***l-kundizzjonijiet*** speċifiċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, filwaqt li tiżgura li l-informazzjoni rilevanti tiġi kkomunikata lil dawk affettwati, u filwaqt li tqis il-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni***, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,*** għandha tappoġġa lill-Istati Membri fit-tħejjija tal-materjali adattati tal-kampanja ta' informazzjoni.

Or. en

Emenda 120
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. L-applikazzjoni tal-Artikolu ***12(1) u (2)***, l-Artikolu 13(1) u (2), l-Artikolu 20 u l-Artikolu ***21*** tar-Regolament (UE) 2017/2226 għandha tiġi sospiża.	12. L-applikazzjoni tal-Artikolu ***11, l-Artikolu 12(1), (2) u (3)***, l-Artikolu 13(1) u (2), l-Artikolu 20***, l-Artikolu 21*** u l-Artikolu ***63(1), il-punt (e)*** tar-Regolament (UE) 2017/2226 għandha tiġi sospiża ***sa tmiem il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES***.

Or. en

Emenda 121
Marieke Ehlers
f'isem il-Grupp PfE
Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. B'deroga mill-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2017/2226 u l-Artikolu 12a tar-Regolament (UE) 2016/399, il-perjodu tranżitorju u l-miżuri tranżizzjonali stabbiliti f'dawk l-Artikoli għandhom japplikaw ***mill-ewwel*** jum wara li jkun intemm il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES.	13. B'deroga mill-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2017/2226 u l-Artikolu 12a tar-Regolament (UE) 2016/399, il-perjodu tranżitorju u l-miżuri tranżizzjonali stabbiliti f'dawk l-Artikoli għandhom japplikaw ***90*** jum wara li jkun intemm il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament dwar l-EES jirrikjedi li l-individwi li jidħlu fiż-Żona Schengen qabel ma tibda topera l-EES irid ikollhom dossier li maħluq mad-dħul. Biex nissimplifikaw il-proċeduri ta' ħruġ, nipproponu li nestendu b' 90 jum dan ir-rekwiżit tal-ħolqien ta' dossier meta jitilqu miż-Żona Schengen.

Emenda 122
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 14 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mit-tieni subparagrafu, ***fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn l-EES titħaddem mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi***, l-Artikolu 6(1), il-punt (f)(i), u d-dispożizzjonijiet dwar il-verifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi abbażi ta' data bijometrika, unikament għall-finijiet tal-EES, imsemmija fl-Artikoli 6, il-punt (f) (ii) u l-Artikolu 8 (3), il-punti (a) u (g) tar-Regolament (UE) 2016/399 ma għandhomx japplikaw.	B'deroga mit-tieni subparagrafu, ***matul il-perjodu tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES***, l-Artikolu 6(1), il-punt (f)(i), u d-dispożizzjonijiet dwar il-verifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi abbażi ta' data bijometrika, unikament għall-finijiet tal-EES, imsemmija fl-Artikoli 6, il-punt (f) (ii) u l-Artikolu 8 (3), il-punti (a) u (g) tar-Regolament (UE) 2016/399 ma għandhomx japplikaw.

Or. en

Emenda 123
Malik Azmani, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Lucia Yar

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	14a. Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jifhmu b'mod ċar fejn jistgħu jirreġistraw fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, huwa importanti li jinħolqu punti ta' identifikazzjoni komuni u li tintuża komunikazzjoni konsistenti fl-Istati Membri kollha. Dan jgħin biex jiġu evitati l-konfużjoni u l-konġestjoni bla bżonn matul ir-reġistrazzjoni.

Or. en

Emenda 124
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta jaċċessaw ir-rekords tad-dħul u tal-ħruġ irreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES fit-twettiq tal-kompiti tagħhom:	1. Meta jaċċessaw ir-rekords tad-dħul u tal-ħruġ irreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES***, l-awtoritajiet nazzjonali,*** fit-twettiq tal-kompiti tagħhom***, għandhom iqisu li d-data tista' tkun mhux kompluta. Għal dan ir-rigward***:

Or. en

Emenda 125
Özlem Demirel

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-awtoritajiet nazzjonali u l-Europol għandhom iqisu li, minħabba l-operazzjonijiet varjabbli tal-EES f'kull Stat Membru matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, id-data tista' ***ma tkunx*** kompluta;	(a) l-awtoritajiet nazzjonali u l-Europol għandhom iqisu li, minħabba l-operazzjonijiet varjabbli tal-EES f'kull Stat Membru matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, id-data tista' ***tkun mhux*** kompluta ***jew mhux preċiża***;

Or. en

Emenda 126
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-awtoritajiet nazzjonali ***u l-Europol għandhom iqisu li, minħabba l-operazzjonijiet varjabbli tal-EES f'kull Stat Membru matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, id-data tista' ma tkunx kompluta***;	(a) l-awtoritajiet nazzjonali ***ma għandhomx jieħdu deċiżjonijiet li jolqtu lill-individwi b'mod negattiv esklużivament abbażi tad-data rreġistrata fl-EES jew abbażi tal-fatt li r-reġistrazzjoni ta' dħul jew ħruġ tkun nieqsa***;

Or. en

Emenda 127
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ***iqisu li d-data tista' ma tkunx kompluta meta*** jikkomunikaw id-data f'konformità mal-Artikoli 41 u 42 tar-Regolament (UE) 2017/2226;	(b) l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ***jevitaw li*** jikkomunikaw id-data f'konformità mal-Artikoli 41 u 42 tar-Regolament (UE) 2017/2226;

Or. en

Emenda 128
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-awtoritajiet nazzjonali għandhom iqisu li d-data tista' ***ma tkunx*** kompluta meta jikkomunikaw id-data f'konformità mal-Artikoli 41 u 42 tar-Regolament (UE) 2017/2226;	(b) l-awtoritajiet nazzjonali għandhom iqisu li d-data tista' ***tkun mhux*** kompluta ***jew mhux preċiża*** meta jikkomunikaw id-data f'konformità mal-Artikoli 41 u 42 tar-Regolament (UE) 2017/2226;

Or. en

Emenda 129
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tqis li r-rekords tad-dħul u tal-ħruġ irreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES jistgħu jinkludu settijiet mhux kompluti ta' data*** għall-fini ta' verifika f'konformità mal-Artikolu 25a(2) tar-Regolament (UE) 2017/2226.	(c) ***mhuwiex permess li l-Unità Ċentrali tal-ETIAS tuża d-data tal-EES*** għall-fini ta' verifika f'konformità mal-Artikolu 25a(2) tar-Regolament (UE) 2017/2226.

Or. en

Emenda 130
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tqis li r-rekords tad-dħul u tal-ħruġ	(c) l-Unità Ċentrali tal-ETIAS għandha tqis li r-rekords tad-dħul u tal-ħruġ

irreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES jistgħu jinkludu settijiet mhux kompluti ***ta' data*** għall-fini ta' verifika f'konformità mal-Artikolu 25a(2) tar-Regolament (UE) 2017/2226.	irreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES jistgħu jinkludu settijiet ***ta' data*** mhux kompluti ***jew mhux preċiżi*** għall-fini ta' verifika f'konformità mal-Artikolu 25a(2) tar-Regolament (UE) 2017/2226.

Or. en

Emenda 131
Jan-Christoph Oetjen, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għalhekk, deċiżjonijiet li jistgħu jolqtu lill-individwi b'mod negattiv ma jistgħux jittieħdu biss abbażi tal-fatt li reġistrazzjoni ta' allegat dħul jew ħruġ tkun nieqsa fl-EES.

Or. en

Emenda 132
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtoritajiet kompetenti, il-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni għandhom iqisu li d-data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES tista' ***ma tkunx*** kompluta meta jaċċessaw id-data għar-rapportar u l-istatistika kif imsemmi fl-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2017/2226.	2. L-awtoritajiet kompetenti, il-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni għandhom iqisu li d-data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES tista' ***tkun mhux*** kompluta ***jew mhux preċiża*** meta jaċċessaw id-data għar-rapportar u l-istatistika kif imsemmi fl-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2017/2226.

Or. en

Emenda 133
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jissodisfaw l-obbligi msemmija fl-Artikoli 35 u 52 tar-Regolament (UE) 2017/2226 fir-rigward tat-tlestija ta' data personali rreġistrata fl-EES, l-Istati Membri għandhom jikkompletaw id-data rilevanti biss sa fejn ikun possibbli filwaqt li jqisu d-disponibbiltà limitata tas-settijiet ta' data miġbura matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Fejn applikabbli, id-deċiżjoni amministrattiva msemmija fl-Artikolu 52(4) tar-Regolament (UE) 2017/2226 għandha tirreferi ***għall-kondizzjonijiet*** stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament li jippermettu r-reġistrazzjoni ta' fajls mhux kompluti.	4. Meta jissodisfaw l-obbligi msemmija fl-Artikoli 35 u 52 tar-Regolament (UE) 2017/2226 fir-rigward tat-tlestija ta' data personali rreġistrata fl-EES, l-Istati Membri għandhom jikkompletaw id-data rilevanti biss sa fejn ikun possibbli filwaqt li jqisu d-disponibbiltà limitata tas-settijiet ta' data miġbura matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Fejn applikabbli, id-deċiżjoni amministrattiva msemmija fl-Artikolu 52(4) tar-Regolament (UE) 2017/2226 għandha tirreferi ***għall-kundizzjonijiet*** stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament li jippermettu r-reġistrazzjoni ta' fajls mhux kompluti. ***Innuqqas ta' kompletezza possibbli tad-data rreġistrata fl-EES minħabba l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet ma għandha fl-ebda ċirkostanza tkun raġuni għal deroga mir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 52 u 53 tar-Regolament (UE) 2017/2226.***

Or. en

Emenda 134
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. B'derogi mill-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2017/2226, il-persunal debitament awtorizzat tal-Europol ma għandux ikollu aċċess għad-data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES għall-finijiet stabbiliti fih.

Or. en

Emenda 135
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri jistgħu jissospendu kompletament jew parzjalment it-tħaddim tal-EES f'ċerti punti ta' qsim tal-fruntieri ***f'ċirkostanzi eċċezzjonali*** ta' falliment tas-Sistema Ċentrali tal-EES, tas-sistemi nazzjonali jew tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, jew avvenimenti li jwasslu għal traffiku ta' tali intensità li l-ħin ta' stennija f'punt ta' qsim tal-fruntiera jsir eċċessiv.	Matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri jistgħu jissospendu kompletament jew parzjalment it-tħaddim tal-EES f'ċerti punti ta' qsim tal-fruntieri ***f'każ*** ta' falliment tas-Sistema Ċentrali tal-EES, tas-sistemi nazzjonali jew tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, jew avvenimenti li jwasslu għal traffiku ta' tali intensità li l-ħin ta' stennija f'punt ta' qsim tal-fruntiera jsir eċċessiv.

Or. en

Emenda 136
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri jistgħu jissospendu kompletament jew parzjalment it-tħaddim tal-EES f'ċerti punti ta' qsim tal-fruntieri f'ċirkostanzi eċċezzjonali ta' falliment tas-Sistema Ċentrali tal-EES, tas-sistemi nazzjonali jew tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni***, jew avvenimenti li jwasslu għal traffiku ta' tali intensità li l-ħin ta' stennija f'punt ta' qsim tal-fruntiera jsir eċċessiv***.	Matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri jistgħu jissospendu kompletament jew parzjalment it-tħaddim tal-EES f'ċerti punti ta' qsim tal-fruntieri f'ċirkostanzi eċċezzjonali ta' falliment tas-Sistema Ċentrali tal-EES, tas-sistemi nazzjonali jew tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni.

Or. fi

Emenda 137
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fiż-żewġ każijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih u mhux aktar tard minn 6 sigħat wara l-bidu tas-sospensjoni lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA r-raġuni għas-sospensjoni parzjali jew sħiħa u d-durata mistennija tagħha u jiżguraw li l-operaturi tal-infrastruttura li jospitaw il-punti ta' qsim tal-fruntieri u t-trasportaturi jiġu infurmati kif xieraq dwar tali sospensjoni. Ladarba ċ-ċirkostanzi ***eċċezzjonali*** li wasslu għas-sospensjoni jieqfu, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA.	Fiż-żewġ każijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih u mhux aktar tard minn 6 sigħat wara l-bidu tas-sospensjoni lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA r-raġuni għas-sospensjoni parzjali jew sħiħa u d-durata mistennija tagħha u jiżguraw li l-operaturi tal-infrastruttura li jospitaw il-punti ta' qsim tal-fruntieri u t-trasportaturi jiġu infurmati kif xieraq dwar tali sospensjoni. Ladarba ċ-ċirkostanzi li wasslu għas-sospensjoni jieqfu, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA.

Or. en

Emenda 138
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal perjodu ta' 60 jum kalendarju wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri jistgħu jissospendu parzjalment it-tħaddim tal-EES kif imsemmi fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, f'ċertu punt ta' qsim tal-fruntiera għal żmien limitat ta' massimu ta' 6 sigħat u f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss ***li jwasslu għal traffiku ta' tali intensità li l-ħin ta' stennija f'punt ta' qsim tal-fruntiera jsir eċċessiv***. L-Istati Membri għandhom jinħelsu mill-obbligu tagħhom stabbilit fl-Artikolu 21(1) tar-	2. Għal perjodu ta' 60 jum kalendarju wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri jistgħu jissospendu parzjalment it-tħaddim tal-EES kif imsemmi fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, f'ċertu punt ta' qsim tal-fruntiera għal żmien limitat ta' massimu ta' 6 sigħat u f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss. L-Istati Membri għandhom jinħelsu mill-obbligu tagħhom stabbilit fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 fir-rigward tad-data bijometrika. F'dawk il-każijiet, l-Istati Membri għandhom

Regolament (UE) 2017/2226 fir-rigward tad-data bijometrika. F'dawk il-każijiet, l-Istati Membri għandhom minnufih u mhux aktar tard minn 6 sigħat wara l-bidu tas-sospensjoni jinnotifikaw ir-raġuni għas-sospensjoni u d-durata mistennija tagħha lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA.	minnufih u mhux aktar tard minn 6 sigħat wara l-bidu tas-sospensjoni jinnotifikaw ir-raġuni għas-sospensjoni u d-durata mistennija tagħha lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA.

Or. fi

Emenda 139
Jan-Christoph Oetjen, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għal perjodu ta' 60 jum kalendarju wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri jistgħu jissospendu parzjalment it-tħaddim tal-EES kif imsemmi fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, f'ċertu punt ta' qsim tal-fruntiera għal żmien limitat ta' massimu ta' ***6*** sigħat ***u*** f'ċirkostanzi eċċezzjonali ***biss*** li jwasslu għal traffiku ta' tali intensità li l-ħin ta' stennija f'punt ta' qsim tal-fruntiera jsir eċċessiv. L-Istati Membri għandhom jinħelsu mill-obbligu tagħhom stabbilit fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 fir-rigward tad-data bijometrika. F'dawk il-każijiet, l-Istati Membri għandhom minnufih u mhux aktar tard minn 6 sigħat wara l-bidu tas-sospensjoni jinnotifikaw ir-raġuni għas-sospensjoni u d-durata mistennija tagħha lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA.	2. Għal perjodu ta' 60 jum kalendarju wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri jistgħu jissospendu parzjalment it-tħaddim tal-EES kif imsemmi fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, f'ċertu punt ta' qsim tal-fruntiera għal żmien limitat ta' massimu ta' ***4*** sigħat ***f'ġurnata, u biss*** f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jwasslu għal traffiku ta' tali intensità li l-ħin ta' stennija f'punt ta' qsim tal-fruntiera jsir eċċessiv. L-Istati Membri għandhom jinħelsu mill-obbligu tagħhom stabbilit fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226 fir-rigward tad-data bijometrika. F'dawk il-każijiet, l-Istati Membri għandhom minnufih u mhux aktar tard minn 6 sigħat wara l-bidu tas-sospensjoni jinnotifikaw ir-raġuni għas-sospensjoni u d-durata mistennija tagħha lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA.

Or. en

Emenda 140
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Matul il-perjodi ta' sospensjoni stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artiklu, l-Artikolu 6(1), il-punt (f)(i), u d-dispożizzjonijiet dwar il-verifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi abbażi ta' data bijometrika, unikament għall-finijiet tal-EES, imsemmija fl-Artikoli 6, il-punt (f)(ii) u l-Artikolu 8(3), il-punti (a) u (g) tar-Regolament (UE) 2016/399 ma għandhomx japplikaw. Deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul skont ir-Regolament (UE) 2016/399 ma għandhiex tittieħed biss fuq il-bażi tal-fatt li r-reġistrazzjoni tad-data bijometrika fl-EES tkun ġiet sospiża mill-Istat Membru.

Or. en

Emenda 141
François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk inqas minn 80 % tal-fajls individwali rreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES ikun fihom data bijometrika, il-perjodu stabbilit fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi estiż awtomatikament ***b'60*** jum kalendarju.	3. Jekk inqas minn 80 % tal-fajls individwali rreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES ikun fihom data bijometrika, il-perjodu stabbilit fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi estiż awtomatikament ***b'90*** jum kalendarju.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-estensjoni tiżgura implimentazzjoni aktar effiċjenti u aktar faċli tas-sistema tal-EES, filwaqt li tnaqqas l-effetti tal-implimentazzjoni fuq id-dewmien fil-fruntieri u l-ħinijiet ta' stennija tal-passiġġieri matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, b'mod partikolari fil-ħinijiet l-aktar intensivi, speċjalment matul is-sajf.

Emenda 142
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Tmiem il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet
	1. Il-perjodu tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES ma għandux jintemm sakemm ma jiġux issodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:
	(a) L-Istati Membri ħaddmu l-EES f'konformità mal-Artikolu 4(5) għal mill-inqas 90 jum konsekuttiv;
	(b) l-ebda Stat Membru ma għamel użu mis-sospensjoni tal-EES f'konformità mal-Artikolu 7 għal mill-inqas 150 jum konsekuttiv;
	(c) ma jkun seħħ l-ebda falliment tas-Sistema Ċentrali tal-EES għal mill-anqas 90 jum konsekuttiv.
	2. Ladarba l-Kummissjoni tkun iddeterminat li r-rekwiżiti fil-paragrafu 1 ikunu ġew issodisfati, hija għandha tinforma lill-Istati Membri, lill-eu-LISA u lill-Europol dwar it-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES.

Or. en

Emenda 143
Jan-Christoph Oetjen, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika mid-data minn meta l-EES għandha tibda topera kif deċiż mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 66(1) tar-	Għandu japplika mid-data minn meta l-EES għandha tibda topera kif deċiż mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226***, mhux aktar***

Regolament (UE) 2017/2226.	***tard minn 90 jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew 60 jum mill-preżentazzjoni tal-aħħar dikjarazzjoni ta' tħejjija***.

Or. en

Emenda 144
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament għandu jieqaf japplika ***180*** jum kalendarju ***mid-data li minnha l-EES għandha tibda topera kif deċiż mill-Kummissjoni*** f'konformità mal-Artikolu ***66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226***. Madankollu:	Dan ir-Regolament għandu jieqaf japplika ***30*** jum kalendarju ***wara li l-Kummissjoni tkun infurmat lill-Istati Membri, lill-eu-LISA u lill-Europol*** f'konformità mal-Artikolu ***7a(2)***. Madankollu:

Or. en

Emenda 145
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-Artikolu 5(13) għandu jieqaf japplika 5 snin u 180 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu ***66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226***;	(a) L-Artikolu 5(13) għandu jieqaf japplika 5 snin u 180 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu ***7a(2)***;

Or. en

Emenda 146
Özlem Demirel

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-Artikolu 6(1), (2), (4) u (5) għandu jieqaf japplika 5 snin u 180 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu ***66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226***;	(b) L-Artikolu 6(1), (2), (4) u (5) għandu jieqaf japplika 5 snin u 180 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu ***7a(2)***;

Or. en

Emenda 147
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) L-Artikolu 6(1), (2), (4) ***u (5)*** għandu jieqaf japplika 5 snin u 180 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226;	(b) L-Artikolu 6(1), (2), (4)***, (5) u (5a)*** għandu jieqaf japplika 5 snin u 180 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226;

Or. en

Emenda 148
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) L-Artikolu 6(3), it-tieni subparagrafu, għandu jieqaf japplika 360 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu ***66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226***;	(c) L-Artikolu 6(3), it-tieni subparagrafu, għandu jieqaf japplika 360 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu ***7a(2)***;

Or. en

Emenda 149
Erik Marquardt

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) L-Artikolu 7(2) u (3) għandu jieqaf japplika 300 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226;	(d) L-Artikolu 7(2)***, (2a)*** u (3) għandu jieqaf japplika 300 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226;

Or. en

Emenda 150
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) L-Artikolu 7(2) u (3) għandu jieqaf japplika 300 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu ***66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226***;	(d) L-Artikolu 7(2) u (3) għandu jieqaf japplika 300 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu ***7a(2)***;

Or. en

Emenda 151
Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) L-Artikolu 7(4) għandu jieqaf japplika 210 ijiem kalendarji wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu ***66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226***.	(e) L-Artikolu 7(4) għandu jieqaf japplika 210 ijiem kalendarji wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu ***7a(2)***.